Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2025/2052(INI)

24.4.2025

EMENDI
999 - 1248

Abbozz ta' rapport
Carmen Crespo Díaz
(PE770.187v01-00)

Il-futur tal-agrikoltura u l-politika agrikola komuni wara l-2027
(2025/2052(INI))

Emenda 999
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jtejbu ***s-sistemi għas-sostituzzjoni*** tal-bdiewa jew ta' kwalunkwe impjegat tal-biedja f'każ ta' mard, mistrieħ jew inċident, jew sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa;	15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jtejbu ***l-kundizzjonijiet tax-xogħol u soċjali*** tal-bdiewa jew ta' kwalunkwe impjegat tal-biedja ***u l-kopertura korretta*** f'każ ta' mard, mistrieħ jew inċident, jew ***biex jieħdu ħsieb id-dixxendenti u/jew axxendenti,*** sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa; ***ifakkar li l-kundizzjonalità soċjali tal-PAK għandha tkompli tkun rekwiżit preliminari biex wieħed jirċievi l-għajnuna mill-PAK wara l-2027;***

Or. es

Emenda 1000
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri ***jippromwovu u*** jtejbu ***s-sistemi għas-sostituzzjoni tal-bdiewa jew ta' kwalunkwe impjegat tal-biedja*** f'każ ta' mard, mistrieħ jew inċident, ***jew*** sabiex ***jiġi żgurat*** bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa;	15. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu ***l-kundizzjonijiet tal-impjieg għall-ħaddiema tal-farms, li jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol u salarji ġusti, kopertura xierqa*** f'każ ta' mard, mistrieħ jew inċident, ***kif ukoll liv tal-familja biex jieħdu ħsieb lill-membri tal-familja*** sabiex ***jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità u*** bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa;

Or. en

Emenda 1001
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jtejbu s-sistemi għas-sostituzzjoni tal-bdiewa jew ta' kwalunkwe impjegat tal-biedja f'każ ta' mard, mistrieħ jew inċident, jew sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa;	15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jtejbu s-sistemi għas-sostituzzjoni tal-bdiewa jew ta' kwalunkwe impjegat tal-biedja f'każ ta' mard, ***obbligi ta' kura,*** mistrieħ jew inċident***, liv annwali, taħriġ***, jew sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa ***u għall-ħaddiema tal-farms***;

Or. en

Emenda 1002
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jtejbu s-sistemi għas-sostituzzjoni tal-bdiewa jew ta' kwalunkwe impjegat tal-biedja f'każ ta' mard, mistrieħ jew inċident, jew sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa;	15. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jtejbu s-sistemi għas-sostituzzjoni tal-bdiewa jew ta' kwalunkwe impjegat tal-biedja f'każ ta' mard, mistrieħ jew inċident, jew sabiex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-bdiewa ***u għall-ħaddiema tal-farms***;

Or. en

Emenda 1003
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinkoraġġixxu lill-bdiewa jingħaqdu flimkien, f'kooperattivi jew f'tipi oħra ta' kollaborazzjoni agrikola, sabiex is-settur agrikolu jsir aktar kompetittiv u aktar sostenibbli; l-operaturi ta' azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju b'mod partikolari għandhom jiġu appoġġati biex jiffurmaw gruppi kollaborattivi li jippermettulhom iwettqu proġetti fuq skala akbar;

Or. ro

Emenda 1004
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-konformità mal-kundizzjonalità soċjali bħala rekwiżit ex ante għall-aċċess għall-fondi tal-PAK fil-PAK ta' wara l-2027;

Or. en

Emenda 1005
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-POSEI biex jirriflettu l-inflazzjoni akkumulata fil-**QFP** li jmiss u jiddispjaċih li d-deflatur ta' 2 % applikat għall-pagamenti diretti ma ġiex	16. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-POSEI biex jirriflettu***, bħala minimu,*** l-inflazzjoni akkumulata fil-***qafas finanzjarju pluriennali*** li jmiss u jiddispjaċih li d-

ikkunsidrat b'mod ugwali għall-POSEI fil-QFP attwali;	deflatur ta' 2 % applikat għall-pagamenti diretti ma ġiex ikkunsidrat b'mod ugwali għall-POSEI fil-QFP attwali; ***jenfasizza li s-sempliċi indiċjar tal-inflazzjoni mhuwiex suffiċjenti biex jintlaħqu l-isfidi dejjem jikbru li jiffaċċjaw il-bdiewa fir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn il-kostijiet tal-produzzjoni, tat-trasport, tal-loġistika u tal-provvista huma strutturalment ogħla; jargumenta, għalhekk, li ż-żieda fil-finanzjament tal-POSEI għandha tqis ukoll il-ħtiġijiet agrikoli reali u speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni, inklużi l-bidliet fil-kostijiet tal-produzzjoni, l-esponiment għal avvenimenti meteoroloġiċi estremi, il-frammentazzjoni territorjali, il-volatilità tas-suq u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli u introjtu ġust għall-bdiewa; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jinħoloq mekkaniżmu speċifiku, jiġifieri programm POSEI tat-Trasport, li jgħin biex jiġu mitigati l-kostijiet addizzjonali tat-trasport tal-prodotti u l-fatturi tal-produzzjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi; itenni li finanzjament adegwat għall-POSEI huwa essenzjali għall-kontinwazzjoni tal-attività agrikola fir-reġjuni ultraperiferiċi u biex tiġi żgurata l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità sħiħa mal-Artikolu 349 tat-TFUE, li jirrikonoxxi n-natura speċifika ta' dawn ir-reġjuni u l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri differenzjati biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet permanenti tagħhom;***

Or. pt

Emenda 1006
Céline Imart, Paulo Do Nascimento Cabral, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-POSEI biex jirriflettu l-inflazzjoni akkumulata fil-QFP li jmiss u jiddispjaċih li d-deflatur ta' 2 % applikat għall-pagamenti diretti ma ġiex ikkunsidrat b'mod ugwali għall-POSEI fil-QFP attwali;	16. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-POSEI biex jirriflettu l-inflazzjoni akkumulata fil-QFP li jmiss***, b'pakketti aġġustati kull sena,*** u jiddispjaċih li d-deflatur ta' 2 % applikat għall-pagamenti diretti ma ġiex ikkunsidrat b'mod ugwali għall-POSEI fil-QFP attwali; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid b'mod sinifikanti l-baġit tal-POSEI fil-QFP li jmiss sabiex tipprovdi appoġġ komplementari għall-produzzjoni agrikola li tiżgura l-awtosuffiċjenza tal-ikel fir-reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll għall-produzzjoni agrikola li tikkontribwixxi għas-sovranità tal-ikel tal-Unjoni Ewropea billi tippermetti l-konsenja ta' oġġetti mir-reġjuni ultraperiferiċi lejn l-Ewropa kontinentali;***

Or. en

Emenda 1007
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-POSEI biex jirriflettu l-inflazzjoni akkumulata fil-QFP li jmiss u jiddispjaċih li d-deflatur ta' 2 % applikat għall-pagamenti diretti ma ġiex ikkunsidrat b'mod ugwali għall-POSEI fil-QFP attwali;	16. Jistieden lill-Kummissjoni ***tirrimedja u*** taġġorna l-allokazzjonijiet finanzjarji tal-POSEI biex jirriflettu l-inflazzjoni akkumulata fil-QFP li jmiss u jiddispjaċih li d-deflatur ta' 2 % applikat għall-pagamenti diretti ma ġiex ikkunsidrat b'mod ugwali għall-POSEI fil-QFP attwali;

Or. fr

Emenda 1008
Thomas Waitz

f'isem il-Grupp Verts/ALE
David Cormand

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jissottolinja li l-maġġoranza l-kbira tal-farms fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE huma entitajiet żgħar, b'mezzi u b'ħin limitati biex japplikaw għall-fondi tal-UE; jistieden lill-PAK futura tirrieżamina l-allokazzjoni tal-fondi tal-POSEI, biex tippermetti aċċess aħjar għall-finanzjament mill-farms żgħar u żgħar ħafna; jesprimi dispjaċir għall-fatt li ħafna mill-fondi tal-POSEI ma jikkontribwux għas-sovranità u għall-awtonomija tal-ikel ta' dawn it-territorji, pereżempju fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi kważi tliet kwarti tal-pakkett kollu tagħhom huwa dirett lejn il-kultivazzjoni tal-banana u tal-kannamiela u l-prodotti sekondarji tagħhom; jitlob li din ir-riforma tal-PAK tiddiversifika r-riċevituri ta' dawn il-fondi, speċifikament biex tiżviluppa prodotti u ikel lokali li mhuwiex maħsub li jiġu esportati, iżda biex jitimgħu lill-popolazzjonijiet lokali u għas-sovranità tal-ikel ta' dawn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 1009
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jitlob li l-proċedura tiġi ristrutturata billi jiġu adottati kriterji tal-għażla aktar stretti, tiġi aġġustata r-rata tal-finanzjament jew jiżdied il-baġit

ġenerali biex jiġu appoġġjati aħjar l-investimenti effiċjenti;

Or. en

Emenda 1010
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li ***l-finanzjament tal-Pilastru II*** għat-trobbija tan-naħal ***għandu jsir*** aktar ***immirat*** u aktar ***effettiv***, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi ***skema ġdida ta' għajnuna tal-Pilastru I*** għal dawk li jrabbu n-naħal;	17. Jinnota li ***l-appoġġ*** għat-trobbija tan-naħal ***tal-PAK attwalment huwa kondiviż bejn il-pilastri u huwa kondiviż u ffinanzjat b'mod differenti bejn l-Istati Membri; jenfasizza li l-għajnuna għandha ssir*** aktar ***immirata*** u aktar ***effettiva***, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi ***ekoskemi ta' appoġġ fll-ambitu tal-Pilastru I li huma adatti*** għal dawk li jrabbu n-naħal;

Or. en

Emenda 1011
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u aktar effettiv, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi skema ġdida ta' għajnuna tal-Pilastru I għal dawk li jrabbu n-naħal;	17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u aktar effettiv, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi skema ġdida ta' għajnuna tal-Pilastru I għal dawk li jrabbu n-naħal; ***u għandha tingħata preferenza lill-produtturi tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tat-trobbija tan-naħal minn pajjiżi terzi;***

Or. hu

Emenda 1012
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u aktar effettiv, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi ***skema ġdida ta' għajnuna tal-Pilastru I għal dawk li jrabbu n-naħal***;	17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u aktar effettiv, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi ***fl-ambitu tal-Pilastru I simplifikazzjoni tal-istrumenti ta' appoġġ għat-trobbija tan-naħal li jikkunsidraw il-karatteristiċi partikolari u l-vulnerabbiltà tas-settur***;

Or. es

Emenda 1013
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u ***aktar effettiv, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi skema ġdida ta' għajnuna tal-Pilastru I għal dawk li jrabbu n-naħal***;	17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u ***jrid jinkludi miżuri għall-bijodiversità tan-naħal selvaġġ u ta' pollinaturi oħra***;

Or. en

Emenda 1014
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u aktar effettiv, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi ***skema ġdida*** ta' għajnuna ***tal-Pilastru I*** għal dawk li jrabbu n-naħal;	17. Jinnota li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jsir aktar immirat u aktar effettiv, u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprevedi ***fl-ambitu tal-Pilastru I l-immodernizzar tal-iskema*** ta' għajnuna għal dawk li jrabbu n-naħal;

Or. es

Emenda 1015
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja t-tixrid ta' konsum konxju u moderat tal-inbid bħala element ewlieni tal-istorja Ewropea u tal-wirt kulturali, pjuttost milli tħeġġeġ l-għoti ta' tort superfiċjali u t-tqabbil perikoluż max-xorb alkoħoliku u x-xorb spirituż;

Or. it

Emenda 1016
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jitlob li tinżamm l-allokazzjoni finanzjarja għas-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda;

Or. en

Emenda 1017
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet ***broadband b'veloċità għolja*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona; ***ifakkar li d-diġitalizzazzjoni gradwali tal-agrikoltura tirrikjedi aċċess kostanti għall-internet, kif ukoll il-kisba ta' għarfien diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli korsijiet sabiex il-bdiewa u l-persuni responsabbli mill-ġestjoni tal-foresti jkunu jistgħu jiksbu ħiliet diġitali;***

Or. ro

Emenda 1018
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli ***għall-internet*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli ***għall-infrastruttura fiżika u diġitali għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u għall-aċċess għall-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, l-aċċess għall-***

li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	***innovazzjoni, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li l-popolazzjonijiet jingħaqdu maż-żoni tagħhom, speċjalment iż-żgħażagħ;*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;

Or. en

Emenda 1019
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet ***b'veloċità għolja*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona; ***jinnota madankollu li l-bidla għall-komunikazzjoni online u d-diġitalizzazzjoni tista' fiha nnifisha toħloq sens ta' iżolament peress li ħafna mhumiex familjari jew komdi b'dan il-mod ta' komunikazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex f'dan ir-rigward iżommu l-possibbiltà ta' komunikazzjoni personali u verbali mal-bdiewa;***

Or. en

Emenda 1020
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' ***aċċess affidabbli għall-internet*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' ***kopertura adegwata ta' servizz tal-broadband stabbli u aċċessibbli*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona; ***jisħaq ukoll fuq il-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali biex jgħinu lill-bdiewa jaħdmu b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli;***

Or. en

Emenda 1021
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona ***iżda wkoll li l-bdiewa jiġu megħjuna jagħmlu l-aħjar użu mill-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni u mill-biedja ta' preċiżjoni***;

Or. en

Emenda 1022
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli ***għall-internet*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni ***u*** taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli ***għall-infrastruttura fiżika u diġitali*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni***,*** taħriġ ***u innovazzjoni***, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona***, b'referenza partikolari għaż-żgħażagħ***;

Or. it

Emenda 1023
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan ***li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona***;	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan ***li jiġu attirati u jinżammu l-persuni f'dawn iż-żoni u li jingħatalhom id-dritt li "jagħżlu fejn joqogħdu"***;

Or. en

Emenda 1024
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali***, inkluż permezz tal-użu tat-teknoloġija tas-satellita***, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;

Or. en

Emenda 1025
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess affidabbli għall-internet ***għall-attività professjonali kif ukoll*** għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;

Or. fr

Emenda 1026
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess ***affidabbli*** għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;	18. Jenfasizza l-importanza ta' ***infrastruttura affidabbli bħal*** aċċess għall-internet għall-kwalità tal-ħajja tal-bdiewa fiż-żoni rurali, b'mod partikolari biex jingħeleb l-iżolament soċjali u jingħata aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll għall-forniment ta' servizzi, bl-għan li tintrabat il-popolazzjoni maż-żona;

Or. en

Emenda 1027
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tal-bdiewa fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali tal-agrikoltura, bis-saħħa tan-networks stabbiliti tagħhom, ir-relazzjonijiet ibbażati fuq il-fiduċja mal-bdiewa u l-għarfien tar-realtajiet lokali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu investiment immirat, bini tal-kapaċitajiet u appoġġ strutturali biex dawn l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jsiru faċilitaturi tal-aċċess diġitali, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kokreazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali adattati għall-kundizzjonijiet lokali;

Or. en

Emenda 1028
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-allinjament sħiħ bejn il-Programm Ewropa Diġitali, il-politiki dwar il-varar tal-broadband u l-PAK ta' wara l-2027, sabiex iż-żoni rurali jiġu mgħammra bl-infrastruttura diġitali u bil-ħiliet meħtieġa għax-xogħol mill-bogħod, il-biedja ta' preċiżjoni u l-intraprenditorija diġitali; jisħaq li investiment bħal dan huwa essenzjali għat-tnaqqis tad-depopolazzjoni rurali u t-tisħiħ tal-attraenza tal-agrikoltura u l-ħajja rurali għall-ġenerazzjonijiet żagħżugħa;

Or. en

Emenda 1029
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw infrastrutturi u servizzi maħsubin biex inaqqsu d-distakk li jaffettwa d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tagħhom għaċ-ċittadini rurali bil-għan li tingħata stabbiltà lill-popolazzjoni u tingħata dinamika b'mod effettiv lill-iżvilupp fiż-żoni rurali tal-Unjoni;

Or. es

Emenda 1030
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, ***inċertezza u iżolament***; ***jistieden,*** għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja ***tal-professjonisti fl-għelieqi***;	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, ***li wassal għall-mantra kontinwa li l-bdiewa jeħtiġilhom ikunu dejjem aktar kompetittivi kontra l-pajjiżi terzi li jaħdmu b'bażi ta' kostijiet u ambjent regolatorju ferm differenti, li wassal għal ammonti ta' xogħol intollerabbli u għal vulnerabbiltà ekonomika, u jenfasizza wkoll li l-proċessi ta' applikazzjoni kumplessi żżejjed u l-proċeduri ta' spezzjoni joħolqu stress huma pressjoni addizzjonali fuq il-bdiewa fil-ġestjoni tal-azjendi tagħhom***; ***jitlob*** għalhekk, ***li jkun hemm korp ta' medjazzjoni indipendenti mill-aspett funzjonali biex jiddeċiedi dwar l-appelli u t-tilwim bejn il-benefiċjarju u l-awtorità maniġerjali; jirrimarka li bħalissa hemm żbilanċ qawwi li jrid jiġi indirizzat bejn il-benefiċjarju u l-awtorità maniġerjali fil-każ ta' tilwima, li jżid mal-istress u l-pressjoni fuq il-bdiewa; jitlob ukoll*** li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja ***tal-bdiewa u tas-sidien tal-art***;

Or. en

Emenda 1031
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li ***jsir finanzjament iddedikat biex*** jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi; ***jappella għall-iżvilupp ta' approċċi mfassla apposta, adatti għaċ-ċirkostanzi lokali, bl-użu ta' diversi tipi ta' servizzi ta' appoġġ, inklużi networks ta' konsulenza għall-farms eżistenti u gruppi oħra ta' appoġġ għall-komunità rurali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu l-kollaborazzjoni biex jiżviluppaw strateġija komprensiva dwar is-saħħa mentali għall-bdiewa u jiżguraw li fil-PAK li jmiss jiġu inklużi miżuri ta' appoġġ xierqa;***
	Or. en

Emenda 1032
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament ***konsekuttivi prinċipalment minħabba d-diffikultajiet***

psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;	***ekonomiċi li jiltaqgħu magħhom***; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi ***iżda fuq kollox li jkunu jistgħu jirċievu prezzijiet ġusti għall-produzzjoni tagħhom ta' beni merkantili u mhux merkantili***;
	Or. fr

Emenda 1033
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi; ***u jqis li huwa importanti li tiġi żviluppata sistema edukattiva li tappoġġa komunitajiet awtosuffiċjenti;***
	Or. hu

Emenda 1034
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu ***s-simplifikazzjoni amministrattiva u*** l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa ***u tal-ħaddiema*** u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament***, dejn, esplojtazzjoni, xogħol mhux imħallas, ftit jew xejn vaganzi u kompiti amministrattivi diffiċli***; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;
	Or. en

Emenda 1035
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' ***dejn,*** stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;
	Or. en

Emenda 1036
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u ***r-riskju għoli*** ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u ***r-rata għolja*** ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;

Or. fr

Emenda 1037
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku li jippromwovu ***s-simplifikazzjoni amministrattiva u*** l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;	19. Jistieden li titħeġġeġ sensibilizzazzjoni akbar dwar l-importanza tas-saħħa mentali tal-bdiewa u r-riskju għoli ta' suwiċidju fost dan il-grupp demografiku, li huwa fenomenu allarmanti minħabba livelli għoljin ta' stress, inċertezza u iżolament; jistieden, għalhekk, li jitħeġġu programmi ta' appoġġ psikoloġiku ***għall-bdiewa tal-UE*** li jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-professjonisti fl-għelieqi;

Or. en

Emenda 1038
Barry Cowen, Charles Goerens, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jinnota li s-saħħa mentali hija komponent ewlieni tal-benesseri ġenerali tal-bdiewa u taffettwa direttament is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-komunitajiet rurali; jappella għall-iżvilupp ta' strateġija komprensiva tal-UE dwar is-saħħa mentali mfassla għall-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-bdiewa, li twitti t-triq għal strutturi ta' appoġġ b'diversi atturi u mmexxija mill-komunità li jippermettu l-prevenzjoni kif ukoll l-intervent f'waqtu fil-livell lokali; jisħaq li l-kwistjonijiet tas-saħħa mentali fil-komunitajiet agrikoli jirriżultaw minn firxa wiesgħa ta' fatturi interkonnessi, inkluż iżda mhux limitat għall-istress ekonomiku, l-iżolament soċjali u l-piżijiet amministrattivi; jisħaq li l-inċertezza ekonomika hija sors persistenti ta' stress għall-bdiewa u li l-indirizzar ta' din il-kwistjoni huwa essenzjali biex jittejbu r-riżultati fil-qasam tas-saħħa mentali; jappella, għalhekk, għal miżuri li jtejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa tul il-katina tal-valur tal-ikel kollha u biex jiżguraw li jirċievu prezz ġust u sostenibbli għall-prodotti tagħhom;

Or. en

Emenda 1039
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq li l-PAK ta' wara l-2027 għandha tiżviluppa aktar Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) effettivi, issaħħaħ ir-rwol ta' servizz ta' konsulenza għall-bdiewa indipendenti u kompetenti u tappoġġja l-iżvilupp ta' offerti tat-taħriġ attraenti li jirrispondu għall-ħtiġijiet differenti tal-bdiewa;

Or. en

Emenda 1040
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Pararagrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu pjanijiet u programmi li jippromwovu l-konsum ta' frott u ħxejjex fil-livelli kollha tal-popolazzjoni bil-għan li jintlaħqu ta' mill-inqas il-livelli ta' konsum rakkomandati mill-WHO;

Or. es

Emenda 1041
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-

assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, ***jiżguraw it-trasparenza fir-rigward tal-oriġini u l-kwalità,*** itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur; ***jenfasizza li aktar minn 70 % tal-konsumaturi fl-UE jibbażaw id-deċiżjonijiet tax-xiri tagħhom fuq l-informazzjoni fuq l-imballaġġ, u jiġbed l-attenzjoni għar-riskju reali li l-konsumaturi jiġu mqarrqa; fil-preżent, il-proliferazzjoni ta' mijiet ta' skemi, logos u dikjarazzjonijiet volontarji f'qafas regolatorju li mhux qed iżomm il-pass mad-dinamika tas-suq qed toħloq konfużjoni u tagħmel l-isforzi biex tiġi pprovduta l-informazzjoni inqas effettivi; fin-nuqqas ta' standards konsistenti u obbligatorji, il-kumpaniji jistgħu jisfruttaw din il-lakuna fil-liġi billi jpoġġu messaġġi potenzjalment qarrieqa fuq it-tikketti, deliberatament jew b'ommissjoni, u b'hekk jesponu lill-450 miljun konsumatur Ewropew għal prattiki inġusti jew ta' greenwashing;***
	Or. ro

Emenda 1042
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE***, jiżgura l-kompetittività tagħhom*** fis-suq uniku u globalment, ***b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni***	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi introdott tikkettar obbligatorju tal-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti tal-ikel kollha, biex tiġi żgurata l-għażla***

tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	***infurmata mill-konsumatur, jiġu pprevenuti prattiki qarrieqa u tiġi protetta l-integrità tas-sistemi tal-ikel tal-UE; jissottolinja li dan huwa essenzjali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-produtturi Ewropej*** fis-suq uniku u globalment, ***jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi kkonsolidata l-fiduċja tal-konsumaturi fis-settur agroalimentari tal-UE;***

Or. en

Emenda 1043
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar ***ir-reġjun tal-produzzjoni jew*** l-oriġini***, l-istandards tal-produzzjoni inkluż l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali,*** u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 1044
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar

Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, ***speċjalment fis-settur tal-inbid li qed jara ammonti mingħajr preċedent ta' inbid falz,*** jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 1045
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat ***u l-estensjoni tat-tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini*** li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 1046
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat ***tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità*** tal-prodotti agroalimentari ***tal-UE***, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat***, permezz ta' reviżjoni tar-regoli doganali u tat-tikkettar, indikazzjoni armonizzata fil-livell tal-UE li tidentifika l-pajjiż ta' oriġini ewlieni*** tal-prodotti agroalimentari ***kollha***, jiżgura ***t-traċċabbiltà u*** l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 1047
Benoit Cassart, Elsi Katainen, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu ***l-informazzjoni u*** l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 1048
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini***, il-purità*** u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. hu

Emenda 1049
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat ***u obbligatorju*** li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 1050
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja ***u s-sensibilizzazzjoni*** tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 1051
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li ***jsaħħaħ*** it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li ***jiżgura*** it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur;

Or. fr

Emenda 1052
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, ***jiżgura l-kompetittività tagħhom fis-suq uniku u globalment, b'regoli ċari li jevitaw id-distorsjonijiet, itejbu l-promozzjoni tagħhom u jsaħħu l-fiduċja*** tal-konsumatur;	20. Iħeġġeġ li jiġi kkonsolidat tikkettar Ewropew armonizzat***, li jinkludi t-tikkettar tat-trattament xieraq tal-annimali u dak vegan,*** li jiggarantixxi sistema ġusta u ekwa, filwaqt li jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-oriġini u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti agroalimentari tal-UE, ***li jinkludi l-kundizzjonijiet tat-trobbija tal-annimali għall-prodotti mill-annimali, u għalhekk tissaħħaħ il-fiduċja*** tal-konsumatur;
	Or. en

Emenda 1053
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappella għall-appoġġ kontinwu u akbar għall-biedja organika fil-PAK li jmiss, filwaqt li jiġu stabbiliti miżuri adegwati għall-konverżjoni għal farms organiċi, u ż-żamma tagħhom, li diġà jikkontribwixxu għall-prosperità tas-settur agrikolu tal-UE u l-kompetittività tiegħu fis-swieq reġjonali u globali; jitlob li l-għoti ta' inċentivi lill-bdiewa u lil entranti ġodda biex jinvolvu ruħhom fil-biedja organika jkun ta' prijorità fil-PAK li jmiss filwaqt li jissaħħaħ is-suq organiku bl-għodod disponibbli fil-PAK flimkien ma' miżuri differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali;
	Or. en

Emenda 1054
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jitlob li jiġi stabbilit tikkettar ċar u obbligatorju tal-prodotti tal-ikel li jindika b'mod preċiż il-post tal-oriġini mill-Istat Membru jew pajjiż terz ikkonċernat;

Or. fr

Emenda 1055
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jitlob li jiġi evalwat l-impatt fuq l-agrikoltura Ewropea tad-diversi ftehimiet ta' kummerċ liberu ffirmati mill-Unjoni Ewropea;

Or. es

Emenda 1056
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jitlob li t-tikketta tal-oriġini nazzjonali tkun possibbli biss għall-prodotti li l-ingredjenti prinċipali tagħhom ikunu prodotti fil-pajjiż ikkonċernat u li s-sempliċi pproċessar ta' dawn il-prodotti ma jkunx biżżejjed biex tintwera t-tikketta tal-pajjiż ikkonċernat;

Or. fr

Emenda 1057
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tissospendi għalkollox l-ikel u l-proteini tal-laboratorji;

Or. fr

Emenda 1058
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali; ***ifakkar fl-importanza tal-iskema tal-Unjoni Ewropea għad-distribuzzjoni tal-ħalib, il-frott u l-ħaxix lit-tfal permezz tal-Iskema tal-Iskejjel bħala għodda ewlenija għall-promozzjoni tal-ikel tajjeb għas-saħħa u l-appoġġ għall-prodotturi lokali; jissottolinja li din l-iskema għandha rwol soċjali essenzjali, speċjalment għat-tfal minn sfondi vulnerabbli, li għalihom l-ikliet tal-iskola***

jistgħu jkunu wieħed mill-ftit sorsi ta' nutrizzjoni bilanċjata; jirrimarka li xi Stati Membri mhumiex qegħdin jużaw il-fondi allokati, u dan qiegħed iwassal għal użu anqas milli suppost tal-baġit disponibbli; jitlob li l-fondi mhux użati jiġu ridistribwiti lill-Istati li jimplimentaw il-programm attivament, sabiex ikun jista' jiżdied l-għadd ta' tfal li jibbenefikaw u sabiex jiġi ggarantit li r-riżorsi eżistenti jintużaw b'mod effiċjenti u ġust; jitlob ukoll li jiżdied il-baġit allokat għal din l-iskema, sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet dejjem jikbru fuq il-post u jiġi ggarantit l-aċċess għall-akbar numru possibbli ta' tfal għal prodotti friski u tajbin għas-saħħa;

Or. ro

Emenda 1059
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali; ***jenfasizza l-importanza li jiġu involuti l-bdiewa u l-atturi tul il-katina tal-valur agroalimentari fit-twassil tal-edukazzjoni dwar l-ikel, fil-promozzjoni tar-rabtiet diretti bejn il-produtturi u l-iskejjel u fl-inkoraġġiment tal-użu tal-ikel lokali, staġjonali u prodott b'mod sostenibbli bħala parti minn***

kultura tal-ikel usa';

Or. en

Emenda 1060
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija ***lokali u*** reġjonali bħala wirt kulturali; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura riżorsi addizzjonali għall-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-iskemi mmirati lejn dawn l-attivitajiet;***

Or. en

Emenda 1061
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva ***u*** bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva***,*** bbilanċjata ***u konxja mis-saħħa*** minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel

għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;

tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;

Or. hu

Emenda 1062
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija ***nazzjonali,*** reġjonali ***u lokali*** bħala wirt kulturali;

Or. fr

Emenda 1063
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-

iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;	iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel ***lokali, staġjonali,*** tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;

Or. en

Emenda 1064
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali;	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk fin-nutrijenti biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali ***u staġjonali*** bħala wirt kulturali;

Or. es

Emenda 1065
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu l-importanza ta' dieta komprensiva	21. Jitlob li titħeġġeġ l-edukazzjoni nutrizzjonali fl-iskejjel u fil-kantins tal-iskejjel, bl-għan li t-tfal jiġu megħjuna jifhmu ***l-oriġini tal-ikel u*** l-importanza ta'

u bbilanċjata minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u rikk ***fin-nutrijenti*** biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti***, filwaqt li tiġi rispettata u promossa l-gastronomija reġjonali bħala wirt kulturali***;

dieta komprensiva***, sostenibbli u aktar ibbażata fuq il-pjanti*** minn età bikrija, jiġu żviluppati drawwiet tal-ikel u menus fl-iskejjel li jinkludu varjetà ta' ikel ***organiku,*** tajjeb għas-saħħa u rikk ***fil-vitamini u l-fibri*** biex jgħinu ħalli jsaħħu l-benesseri fiżiku u mentali tal-istudenti;

Or. en

Emenda 1066
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jiddikjara li jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-proġetti ta' produzzjoni ta' "laħam ċellulari"; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi rrivedut il-qafas leġiżlattiv Ewropew applikabbli għall-awtorizzazzjoni ta' dawn il-prodotti, sabiex jiġu integrati b'mod aktar komplut l-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet etiċi marbuta ma' dan it-tip ta' intervent;

Or. fr

Emenda 1067
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob ukoll lill-Kummissjoni Ewropea ttemm is-sistemi ta' tikketti fuq quddiem li huma meqjusa bħala simplistiċi, bħal nutriscrore, minħabba n-nuqqas ta' kunsens xjentifiku wiesa' u r-

riskju ta' modifiki tal-parametri mill-industrija skont l-interessi tagħha;

Or. fr

Emenda 1068
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob ukoll li l-Kummissjoni Ewropea ttemm is-sistemi ta' tikkettar li jitqiesu bħala simplistiċi, bħal nutriscore, minħabba nuqqas ta' kunsens xjentifiku estensiv u bir-riskju li l-industrija tbiddel il-parametri skont l-interessi tagħha;

Or. es

Emenda 1069
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza l-ħtieġa li l-akkwisti pubbliċi jkunu ggwidati mill-kwalità, mhux mill-prezzijiet, u li jippromwovu l-konsum ta' prodotti bl-IG, ekoloġiċi, li jkunu jinsabu fil-qrib u fl-istaġun;

Or. es

Emenda 1070
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jitlob li tiġi sostnuta u mtejba l-valorizzazzjoni tat-territorji, tat-tradizzjonijiet, tal-għarfien prattiku u tal-patrimonju gastronomiku b'mod partikolari għad-difiża u l-valorizzazzjoni tal-IĠP;

Or. fr

Emenda 1071
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1072
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal	22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal

prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa;	prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa; ***għal dan il-għan, huwa jappoġġa l-ħolqien ta' azjendi agrikoli mudell fejn il-konsumaturi jkunu jistgħu jitgħallmu dwar mudelli agrikoli (ċirkolari) b'saħħithom u sostenibbli, li parti ewlenija minnhom għandha tkun l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem, il-produzzjoni tal-kompost, u l-immirar lejn l-iżvilupp tal-biedja organika;***
	Or. hu

Emenda 1073
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa;	22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu dan ir-rikonoxximent fil-pjanijiet edukattivi tagħhom sabiex l-agrikoltura u t-trobbija tal-annimali jsiru attivitajiet ekonomiċi attraenti matul l-istadju tat-taħriġ;***

Or. es

Emenda 1074
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob li jiġi rikonoxxut*** ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej***, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa***;	22. ***Iħeġġeġ lill-politiċi, l-iskejjel, il-media, il-bdiewa u l-assoċjazzjonijiet lokali, jaħdmu flimkien biex jippromwovu immaġni pożittiva tal-biedja, filwaqt li jżidu l-attraenza tagħha għaż-żgħażagħ biex jidħlu fis-settur u jikkomunikaw aħjar dwar ir-rwol tal-bidwi fil-produzzjoni tal-ikel u fis-servizzi ambjentali; jappella għal inizjattivi fil-livell tal-UE għal komunikazzjoni aħjar dwar*** ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej

Or. en

Emenda 1075
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej***, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux***	22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa ***u tal-ħaddiema tal-farms*** għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej;

ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa;

Or. en

Emenda 1076
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa;	22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, ***kif ukoll il-kontribuzzjoni siewja għall-protezzjoni ambjentali u klimatika,*** permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi ***u tas-soċjetà*** mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda l-messaġġi żbaljati u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa;

Or. en

Emenda 1077
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari	22. Jitlob li jiġi rikonoxxut ix-xogħol essenzjali tal-bdiewa għas-sikurezza u s-saħħa tal-ikel u l-impenn tagħhom għal prattiki sostenibbli, permezz ta' kampanji li ***għandhom l-għan li jżidu l-għarfien tal-konsumaturi dwar dak li jagħżlu meta***

Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda ***l-messaġġi*** żbaljati ***u mhux ġustifikati, filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb l-immaġni kerha u preġudikata li parti mis-soċjetà għandha tal-bdiewa***;	***jixtru kif ukoll il-valur miżjud tal-agrikoltura sostenibbli, li*** jsaħħu r-relazzjoni tal-konsumaturi mal-bdiewa u l-prodotti agroalimentari Ewropej, peress li huwa essenzjali li jiġu miġġielda ***l-miżinformazzjoni, kif ukoll il-messaġġi*** żbaljati ***u qarrieqa***;
	Or. en

Emenda 1078
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jinnota l-livell għoli ta' nuqqas ta' sodisfazzjon tar-residenti rurali bbażat fuq ħafna snin ta' nuqqas ta' prijoritizzazzjoni u nuqqas ta' investiment, kif osservat mill-faqar rurali, inkluż fost il-produtturi tal-ikel u l-iżolament; jenfasizza, għalhekk, ir-rwol importanti ta' soċjetà ċivili u demokratika miftuħa speċjalment fiż-żoni rurali; jappella għal aċċess akbar għall-istrutturi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jirregolaw l-opportunitajiet, il-konnettività u r-riżorsi tagħhom; jappella għal rappreżentanza u parteċipazzjoni demokratika akbar fil-fora ċiviċi, bħall-parlamenti rurali u jħares lejn mudelli oħra bħall-Kmamar tal-Agrikoltura; jenfasizza r-rwol tat-trade unions, iċ-ċittadini, il-fora, l-istrutturi reliġjużi u dawk komunitarji (il-knejjes, il-moskej u s-sinagogi), u t-tipi kollha ta' strutturi mhux governattiva u tas-soċjetà ċivili li jistgħu jgħinu biex iwasslu l-vuċijiet rurali bħala solidarjetà, filwaqt li joħolqu rabtiet u sinerġiji maċ-ċittadini urbani; jilqa' r-rwol u l-konklużjonijiet tad-djalogu strateġiku biex titreġġa' lura l-polarizzazzjoni tal-opinjonijiet;

Or. en

Emenda 1079
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jirrikonoxxi r-rwol tal-agrikoltura mhux biss bħala fornitur tas-servizzi tal-ikel u ambjentali, iżda wkoll bħala kontributur ewlieni għar-responsabbiltà soċjali u għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fiż-żoni rurali; jappoġġja l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu tal-kundizzjonalità soċjali fl-ambitu tal-PAK, dment li l-implimentazzjoni tiegħu tkun proporzjonata, definita b'mod ċar, u tevita l-ħolqien ta' pożijiet amministrattivi sproporzjonati fuq il-farms, b'mod partikolari l-azjendi agrikoli tal-familji u dawk żgħar; jappella għal miżuri li jippremjaw lill-farms li jirrispettaw l-istandards tax-xogħol u soċjali, itejbu t-trasparenza fil-katina tal-valur kollha, u jsaħħu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tax-xogħol;

Or. en

Emenda 1080
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza li, biex jinkiseb rendiment sostenibbli tal-għelejjel, huwa neċessarju li l-bdiewa u l-ortikulturisti jkunu jistgħu jipproteġu l-għelejjel tagħhom b'mod adegwat kontra l-mard u

l-pesti; jitlob awtorizzazzjoni aktar mgħaġġla tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kemm tal-prodotti ta' riskju baxx kif ukoll tal-prodotti kimiċi, li t-tnejn li huma jibqgħu meħtieġa fil-ġestjoni integrata tal-pesti; jenfasizza espressament l-impenn tal-Kummissjoni li ma tirtirax l-awtorizzazzjoni ta' prodotti eżistenti jekk ikunu għadhom ma ġewx awtorizzati prodotti alternattivi effettivi;

Or. nl

Emenda 1081
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2027 tipprovdi aktar flessibbiltà u appoġġ għar-restawr tan-natura fuq skala tal-pajsaġġ, inkluż permezz tar-riallokazzjoni adattiva taż-żoni tan-Natura 2000 fejn dan ikun ekoloġikament ġustifikat; jisħaq li huma meħtieġa approċċi aktar dinamiċi u kooperattivi bejn il-bdiewa u l-amministraturi tal-ambjent biex jitnaqqsu l-kunflitti dwar l-użu tal-art, tiġi promossa l-bijodiversità u jiġu permessi mudelli innovattivi għall-ġestjoni tal-art sostenibbli;

Or. en

Emenda 1082
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Itenni li t-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali u t-tnaqqis tal-użu tal-antimikrobiċi fl-annimali li jinżammu għall-produzzjoni tal-ikel fl-UE huma tnejn mill-objettivi tal-PAK, iżda sa issa, f'dan l-aspett, intlaħaq biss it-titjib settorjali jew reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi biex tiżgura li l-PAK il-ġdida tikkontribwixxi biex jintlaħqu dawn l-objettivi b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 1083
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jikkunsidra li huwa xieraq li jinżamm l-appoġġ finanzjarju għall-appoġġ ta' LEADER implimentat mill-gruppi ta' żvilupp rurali permezz tal-istrateġiji ta' żvilupp lokali parteċipattiv, kemm fil-PAK kif ukoll ma' strumenti oħrajn ta' appoġġ Ewropej, filwaqt li jitqies, jekk ikun il-każ, li tiżdied l-allokazzjoni finanzjarja minima assenjata għal din l-inizjattiva;

Or. es

Emenda 1084
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-produzzjoni tal-UE ta' inputs agrikoli (b'mod partikolari fertilizzanti u mediċini veterinarji) u l-isforzi biex jiġu żgurati l-provvista u d-disponibbiltà tagħhom, inkluża l-affordabbiltà tagħhom;

Or. pl

Emenda 1085
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat aċċess inklużiv għall-istrutturi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-parteċipazzjoni demokratika fil-kuntest tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-PAK; jissottolinja li l-involviment sinifikattiv tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-programmazzjoni tal-PAK tirrifletti l-kuntesti territorjali u soċjoekonomiċi diversi; jappella f'dan ir-rigward għat-tisħiħ tal-prinċipju tas-sħubija u l-applikazzjoni tal-governanza ġenwina f'diversi livelli fl-implimentazzjoni tal-PAK, kemm fit-tfassil kif ukoll fil-monitoraġġ tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u b'mod partikolari, meta jkun xieraq, permezz tal-involviment tal-awtoritajiet reġjonali;

Or. en

Emenda 1086
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jitlob li l-baġit tal-PAK għall-2028–2034 jiġi ppreżervat fuq bażi aġġustata għall-inflazzjoni biex jiġi żgurat li l-fondi jitwasslu b'mod effettiv lill-bdiewa;

Or. en

Emenda 1087
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22c. Jinnota l-importanza tal-iżvilupp rurali tal-PAK, permezz tal-LEADER, il-GAL u s-CLLD, fil-bini ta' rabtiet aktar stretti bejn iż-żoni rurali u dawk urbani - billi jinstabu swieq, jiġu żviluppati bejgħ dirett u ktajjen alimentari qosra, u b'hekk jissaħħu u jinħolqu l-ekonomiji lokali iżda wkoll id-demokraziji reġjonali, u tinħoloq rabta bejn iċ-ċittadini konsumaturi urbani u ċ-ċittadini produtturi rurali; jinnota wkoll ir-rwol potenzjali u ta' spiss mhux sfruttat tal-PAK fit-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jitjieb l-aċċess għall-art u għall-kapital, speċjalment għall-bdiewa ġodda li jidħlu fis-settur;

Or. en

Emenda 1088
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Pilastru II kofinanzjat għall-Iżvilupp Rurali b'saħħtu u ffinanzjat mill-FAEŻR, separat mill-Politika ta' Koeżjoni, b'enfasi fuq iż-żoni rurali

Or. en

Emenda 1089
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida) - paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. [1a] Itenni li l-ilħuq tal-objettivi tal-viżjoni fit-tul tal-UE għaż-żoni rurali sal-2040 tirrikjedi azzjoni b'saħħitha u sostnuta matul il-perjodi ta' programmazzjoni li jmiss u fil-livelli kollha ta' governanza; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija rurali li tista' titkejjel u li tkun koerenti, li tinkludi Pjan ta' Azzjoni tal-UE għaż-Żoni Rurali aġġornat; jissottolinja li finanzjament adegwat u stabbli huwa essenzjali għall-implimentazzjoni u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw appoġġ aktar b'saħħtu għaż-żoni rurali fil-QFP li jmiss;
	[1a] Propost taħt intestatura 1a ġdida. Pilastru II għall-Iżvilupp Rurali B'saħħtu

Or. en

Emenda 1090
Thomas Waitz

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida) - paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. [1a] Jisħaq fuq ir-rwol fundamentali tal-FAEŻR, flimkien mal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, fl-appoġġ għat-tranżizzjoni taż-żoni rurali filwaqt li jippromwovi d-diversifikazzjoni ekonomika, l-impjiegi ta' kwalità, l-inklużjoni soċjali, u s-servizzi u l-infrastruttura mtejba; jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-komplementarjetajiet bejn il-fondi, li titnaqqas il-kumplessità amministrattiva u li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-iżvilupp rurali bi plurifondi;
	[1a] Propost taħt intestatura 1a ġdida. Pilastru II għall-Iżvilupp Rurali B'saħħtu

Or. en

Emenda 1091
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida) - paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jappella għal sehem iddedikat mill-baġit għall-iżvilupp rurali biex jiġi appoġġjat l-investiment lokali integrat fl-iżvilupp tal-komunità rurali, is-servizzi pubbliċi, l-infrastruttura u l-miżuri ambjentali inkluż ir-restawr tan-natura, il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli tal-art u tal-ilma; jinsisti fuq finanzjament allokat għal-LEADER biex jissaħħu l-approċċi tas-CLLD minn isfel

għal fuq;

(Propost taħt intestatura 1a ġdida. Pilastru II għall-Iżvilupp Rurali B'saħħtu)

Or. en

Emenda 1092
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida) - paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. [1a] Jirrifjuta l-mudelli ċentralizzati tal-ġestjoni tal-fondi li jdgħajfu l-governanza f'diversi livelli kif ukoll il-prinċipji tas-sħubija u s-sussidjarjetà; jissottolinja l-importanza li jinżamm l-involviment attiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali; jappoġġja koordinazzjoni u komplementarjetajiet aktar b'saħħithom bejn il-PAK u l-Politika ta' Koeżjoni iżda jopponi bil-qawwa kwalunkwe fużjoni tal-iżvilupp rurali mal-politika ta' koeżjoni; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li tiġi ppreżervata l-istruttura b'żewġ pilastri tal-PAK biex tiġi żgurata enfasi ċara fuq l-iżvilupp rurali;
	[1a] Propost taħt intestatura 1a ġdida. Pilastru II għall-Iżvilupp Rurali B'saħħtu

Or. en

Emenda 1093
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1094
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ***bħala prijorità strateġika trażversali, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa ta' riformi strutturali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-appoġġ tal-PAK u li l-implimentazzjoni fuq il-post issir aktar effettiva***; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha; ***jenfasizza li approċċ li jinvolvi analiżi perjodika tar-rekwiżiti amministrattivi bil-ħsieb li jitnaqqsu sabiex jirrifletti l-ħtieġa li l-agrikoltura tiġi adattata għar-rekwiżiti futuri jkollu impatt pożittiv fuq perjodu fit-tul.***

Or. ro

Emenda 1095
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha; ***huwa tal-fehma li fl-iterazzjoni li jmiss tal-PAK irid ikun hemm mekkaniżmu inkluż, filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex tiġi indirizzata l-kwistjoni rikonoxxuta tal-gold plating fil-livell nazzjonali; jenfasizza li l-gold-plating iżid il-kumplessità għall-bdiewa u għall-benefiċjarji, u b'hekk inaqqas l-effettività u l-adozzjoni tal-miżuri;***

Or. en

Emenda 1096
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; ***jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha***;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; ***iwissi, madankollu, li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ma għandhiex twassal għad-deregolamentazzjoni, peress li ż-żamma ta' qafas regolatorju b'saħħtu fil-livell tal-UE hija essenzjali biex tiġi ppreżervata l-komunalità tal-politika agrikola u l-appoġġ pubbliku għal qafas finanzjarju robust***;

Or. en

Emenda 1097
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni***; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha***;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ***mingħajr ma tikkompromietti l-istandards u filwaqt li xorta waħda twettaq l-għanijiet tal-politiki u l-liġijiet li għadhom validi, meħtieġa u mitluba tassew mis-suq u mis-soċjetà, u li ċ-ċittadini jkunu kuntenti li jikkontribwixxu għalihom*** [1a];
	[1a] 2024 Ewrobarometru "Europeans, agriculture and the CAP" (L-Ewropej, l-agrikoltura u l-PAK) ikkwotat mir-rapporteur fil-premessa H dwar https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3226

Or. en

Emenda 1098
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;

	iħeġġeġ li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali;

Or. en

Emenda 1099
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Jappoġġja***, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; ***jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha***;	23. ***Jilqa'***, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; ***jisħaq li jridu jiġu żviluppati mekkaniżmi ċari għat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont filwaqt li jiġu żgurati wkoll l-ogħla standards soċjali u ambjentali fis-settur kollu***;

Or. en

Emenda 1100
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha ***u li l-miżuri kollha tas-simplifikazzjoni li nkisbu qabel il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandhom jinżammu***;

Or. en

Emenda 1101
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha ***mingħajr ma jiddgħajfu l-ħames objettivi ewlenin għall-PAK miktuba fl-Artikolu 39 tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 1102
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; ***jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha***;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; ***jisħaq li dan huwa estremament importanti għall-bdiewa iżda li ma għandux jirriżulta f'xi tnaqqis tal-ambizzjonijiet soċjali jew ambjentali***;

Or. en

Emenda 1103
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ***mingħajr ma jitnaqqsu l-ambizzjonijiet u l-istandards soċjali u ambjentali***; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;

Or. en

Emenda 1104
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029 li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha ***fl-ilħuq tas-sostenibbiltà soċjali, ambjentali u ekonomika***;

Or. en

Emenda 1105
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029	23. Jappoġġja, għall-futur, l-objettiv tal-Kummissjoni għall-perjodu 2024-2029

li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi ***u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni***; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;	***li tnaqqas il-piżijiet*** amministrattivi ***għall-bdiewa***; jissottolinja li dan għandu jkun il-forza li tixpruna l-azzjonijiet kollha;
	Or. fr

Emenda 1106
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jinnota li għall-perjodu 2023-2027, il-politika agrikola komuni (PAK) inbniet fuq għaxar objettivi ewlenin, b'enfasi fuq l-għanijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi; dawn kienu, li jiġi żgurat introjtu ekwu għall-bdiewa; iż-żieda fil-kompetittività; it-titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari; l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima; il-kura ambjentali; il-preżervazzjoni tal-pajsaġġi u l-bijodiversità; l-appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali; iż-żoni rurali vibranti; il-protezzjoni tal-ikel u l-kwalità tas-saħħa; it-trawwim tal-għarfien u l-innovazzjoni; jenfasizza li r-regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK kien jinkludi firxa wiesgħa ta' għodod biex jintlaħqu dawn l-objettivi, mill-applikazzjoni ta' limitu massimu fuq il-pagamenti diretti u l-appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà (CRISS) biex jiġu appoġġjati l-bdiewa żgħar, sa skemi ekoloġiċi u l-għażla għall-azzjoni ta' livell ogħla mit-tieni pilastru biex jiġu appoġġjati l-azzjonijiet ambjentali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ma użawx l-għodod u l-għażliet wiesgħa li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom u wettqu biss il-minimu meħtieġ skont ir-regolament minkejja li kellhom l-għażla li

jkunu aktar ambizzjużi; jinsab konvint, għalhekk, li r-regolament il-ġdid irid ikun ambizzjuż fl-istabbiliment tal-appoġġ għall-bdiewa żgħar, il-bdiewa żgħażagħ u l-ambjent, filwaqt li jirrispetta s-sussidjarjetà, peress li l-Istati Membri wrew nuqqas ta' rieda li jieħdu ħsieb l-interessi personali li huma favur l-istatus quo;

Or. en

Emenda 1107
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jappella għas-simplifikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-fondi għall-investiment fl-azjendi agrikoli taħt il-Pilastru II tal-Politika Agrikola Komuni u strumenti oħra ta' appoġġ għas-settur; jenfasizza li l-proċeduri ta' applikazzjoni attwali spiss huma kumplessi, twal u burokratiċi żżejjed, u dan jirrappreżenta ostaklu sinifikanti u ta' spiss ibiegħed lill-bdiewa mill-għalqa għal ġol-uffiċċju, speċjalment dawk li joperaw azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, bdiewa żgħażagħ u dawk li joperaw f'żoni b'diffikultajiet strutturali akbar; jenfasizza li din il-kumplessità mhux biss tiskoraġġixxi l-applikazzjonijiet iżda toħloq ukoll inugwaljanza fl-aċċess għall-fondi, u tippenalizza lil dawk b'inqas riżorsi tekniċi jew finanzjarji biex jittrattaw il-piżijiet amministrattivi assoċjati; jargumenta, għalhekk, li l-arkitettura futura tal-PAK għandha tiffoka fuq simplifikazzjoni effettiva, bi kriterji aktar ċari, proċeduri diġitalizzati, linji gwida standardizzati u appoġġ tekniku aċċessibbli, u b'hekk tippromwovi

l-inklużjoni;

Or. pt

Emenda 1108
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Ifakkar li l-piż amministrattiv fil-PAK ta' spiss ma jirriżultax mir-regoli fil-livell tal-UE nfushom, iżda minn kif jiġu implimentati fil-livell nazzjonali, inkluż permezz tad-duplikazzjoni tar-regoli nazzjonali/reġjonali mar-regoli tal-UE u l-proċeduri kumplessi żżejjed; jinnota li l-Istati Membri waqqfu s-SIAK tal-PAK bi spejjeż għalihom, u dan jipprevjeni l-investiment biex jiġu mmodernizzati u ssimplifikati lkemm jista' jkun l-interfaċċi bejn il-bdiewa u l-amministraturi; jappella għall-mobilizzazzjoni tal-fondi privati kif ukoll pubbliċi biex dan ikun possibbli, pereżempju taħt l-assistenza teknika lill-Istat Membru jew lir-reġjun, jew fl-ambitu tal-għotjiet jew is-self tal-BEI[1a]; jinnota wkoll li d-delega differenzjata tal-kompiti tas-SIAK tal-PAK lil-livell reġjonali tista' f'xi każijiet tikkomplika l-interfaċċa li jesperjenzaw il-bdiewa u jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jissimplifikaw dan;
	[1a] Il-BEI huwa amministrat mill-Istati Membri filwaqt li l-fondi mwiegħda għall-agrikoltura ġejjin minn finanzjament privat barra mill-baġit tal-PAK; jagħmel sens li dan il-finanzjament jiġi allokat ukoll biex jappoġġja l-kapaċità amministrattiva nazzjonali u reġjonali u l-investiment fis-sistemi tal-IT tagħhom

biex l-interfaċċa ssir aktar sempliċi għall-bdiewa. Ma hemm l-ebda baġit bħalissa fil-PAK għal dan, u x'aktarx li lanqas se jkun hemm fil-QFP li jmiss.

Or. en

Emenda 1109
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar flessibbiltà u struttura ta' finanzjament aktar sempliċi fil-PAK il-ġdida u li għandhom jiġu evitati l-iżbalji mill-passat bħaż-żieda fil-burokrazija u l-kumplessità, b'mod partikolari fl-arkitettura ekoloġika u fl-ippjanar strateġiku tal-PAK, minflok huma meħtieġa b'mod urġenti struttura ta' finanzjament aktar sempliċi u koordinazzjoni aħjar bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali, u għandu jiġi approvat tnaqqis adegwat fil-kundizzjonalità bħala obbligu għall-farm kollha skont il-finanzjament tal-PAK, jekk il-bdiewa jirċievu anqas pagamenti bażiċi;

Or. en

Emenda 1110
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirrinunzja l-objettivi tal-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" li tirrigwarda t-tnaqqis ta' 50 % tal-prodotti fitosanitarji, it-

tnaqqis ta' 20 % tal-fertilizzanti kimiċi, it-tnaqqis ta' 50 % tal-bejgħ ta' antibijotiċi għall-annimali tat-trobbija, u ż-żieda ta' 25 % tal-uċuh tar-raba' b'biedja bijoloġika sal-2030;

Or. fr

Emenda 1111
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob lill-Kummissjoni tabbanduna l-objettivi tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ta' tnaqqis ta' 50 % tal-prodotti fitosanitarji, tnaqqis ta' 20 % tal-fertilizzanti kimiċi, tnaqqis ta' 50 % tal-bejgħ tal-antibijotiċi għall-annimali tal-irziezet u żieda fil-biedja ekoloġika għal 25 % minn issa sal-2030;

Or. es

Emenda 1112
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Ifakkar li politika ta' appoġġ għall-prezzijiet minimi Ewropej hija l-forma ta' appoġġ l-aktar sempliċi u effikaċi mill-perspettiva tal-bdiewa peress li l-prezzijiet tal-intervent jiżdiedu b'mod suffiċjenti biex jiġi evitat li l-prezzijiet reali ma jaqgħux wisq taħt il-livell tal-ispejjeż tal-produzzjoni medji;

Or. fr

Emenda 1113
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jappella għal flessibbiltà akbar għall-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li tippermettilhom jadattaw l-elementi speċifiċi—bħall-aġġustamenti tal-iskadenzi minħabba l-isfidi tat-temp jew il-modifiki għall-elementi tal-iskema imprattikabbli—mingħajr ma tkun mitluba approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 1114
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jipproponi li tingħata konsiderazzjoni serja biex jinżamm il-qafas legali attwali għall-implimentazzjoni tal-PAK abbażi ta' pjanijiet strateġiċi, filwaqt li dan il-qafas jiġi emendat kif meħtieġ fid-dawl tal-ħtieġa u l-aspettattiva li l-PAK tiġi ssimplifikata;

Or. pl

Emenda 1115
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jappella għall-abolizzjoni tal-proċedura riġida ta' "applikazzjoni definittiva" u għall-estensjoni tal-iskadenzi biex ikunu jistgħu jsiru l-aġġustamenti meħtieġa anke fil-każijiet ta' kundizzjonijiet ta' temp estrem;

Or. en

Emenda 1116
Barry Cowen, Charles Goerens, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jisħaq li l-benefiċjarju primarju tal-isforzi tas-simplifikazzjoni tal-PAK jeħtieġlu jkun il-bidwi attiv, li huwa responsabbli għall-verifika tal-azzjonijiet fil-farm filwaqt li jindirizza l-kundizzjonijiet volatili, ir-regolamenti dejjem jiżdiedu, u l-aspettattivi soċjetali dejjem jikbru; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi biex jiġi żgurat li l-bdiewa jkunu jistgħu jkomplu jwasslu s-sigurtà tal-ikel u beni pubbliċi oħra mingħajr ma jiffaċċjaw inċertezza finanzjarja żejda;

Or. en

Emenda 1117
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jappella għal koordinazzjoni aħjar fl-UE kollha rigward it-tnaqqis tal-obbligi ta' dokumentazzjoni u rapportar kif ukoll il-bidliet fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, filwaqt li kwalunkwe bidla għandha tkun ippreċeduta minn komunikazzjoni ċara u f'waqtha, mhux aktar tard mill-istaġun taż-żrigħ tal-ħarifa peress li hija meħtieġa komunikazzjoni bikrija għall-ġestjoni effiċjenti tal-farms li tibbaża fuq ċikli tal-ippjanar fit-tul;

Or. en

Emenda 1118
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Pär Holmgren

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jitlob lill-Istati Membri jikkoordinaw aħjar l-interazzjoni amministrattiva nazzjonali u reġjonali mal-bdiewa, pereżempju permezz tal-implimentazzjoni ta' "punti uniċi ta' servizz", sabiex tiġi evitata amministrazzjoni bla bżonn u duplikata;

Or. en

Emenda 1119
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jitlob li s-sistema bbażata ħafna fuq ir-regoli tiġi sostitwita b'qafas ta' objettivi ċari li jagħtu ċertu grad ta' flessibbiltà lill-bdiewa;

Or. en

Emenda 1120
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Jagħmel distinzjoni bejn is-simplifikazzjoni għall-bdiewa meta mqabbla mal-funzjonijiet imwettqa jew l-investimenti magħmula mill-Istati Membri jew mir-reġjuni; jinnota li jekk l-għan huwa s-simplifikazzjoni għall-bdiewa, l-Istati Membri jew ir-reġjuni f'xi każijiet jeħtiġilhom jagħmlu aktar; jinnota wkoll li mhux l-Istati Membri kollha ssimplifikaw il-possibbiltajiet offruti mill-PAK attwali, ir-Regolament FMM PAK b'mod partikolari diġà ta lill-Istati Membri l-għażla li jissimplifikaw l-interfaċċa li permezz tagħha l-bdiewa jaċċessaw is-SIAK, bħal formoli ta' applikazzjoni għall-għajnuna mimlija minn qabel, iżda dawn ma ġewx implimentati mill-Istati Membri kollha; jitlob, għalhekk, li l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom jipprovdu b'mod obbligatorju l-oqsma mimlija minn qabel li l-bdiewa ma jkunux biddlu mis-sena ta' qabel;

Or. en

Emenda 1121
Barry Cowen, Christine Singer, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Jappella għal valutazzjoni mill-ġdid tal-KAAT 6, b'mod partikolari r-rekwiżit għal 30 % ta' qasbija fir-raba' tal-ħrit jew ta' art bil-ħaxix, li ħoloq pożijiet ta' konformità eċċessivi u skoraġġixxa r-ragħa tan-nagħaġ fl-għelejjel ta' kopertura xitwin; jilqa' s-simplifikazzjoni tal-KAAT 7 iżda jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar aġġustamenti, inkluż rieżami tal-limiti tal-ettari tal-farm li jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' għalla waħda, ta' żewġ għelejjel jew ta' tliet għelejjel, biex jiġi appoġġjat l-irkupru tas-settur tal-ħdim tar-raba';

Or. en

Emenda 1122
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23d. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' ċertezza regolatorja fis-settur u jisħaq li ż-żieda kontinwa fil-pożijiet regolatorji li jkollu jerfa' s-settur ikkawżat frustrazzjoni fost il-bdiewa u rriżultat f'kostijiet żejda sinifikanti fil-livell tal-farms u għalhekk affettwat l-attraenza tal-professjoni għall-entranti l-ġodda;

Or. en

Emenda 1123
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23e. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' involviment proattiv bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tal-farms qabel it-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex tiġi stabbilita valutazzjoni fil-farms u l-vijabbiltà prattika tal-proposti mill-perspettivi kollha;

Or. en

Emenda 1124
Barry Cowen, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23f. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-KAAT 2 trid tqis l-użu tal-art u l-prattiki agrikoli eżistenti; jisħaq li l-bdiewa attivi li ilhom jimmaniġġjaw b'mod kontinwu l-artijiet indikati bħala artijiet mistagħdra jew torbiera jeħtiġilhom iżommu d-dritt li jkomplu l-attivitajiet agrikoli attwali tagħhom, inklużi l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni meħtieġa bħall-manutenzjoni tal-iskular, mingħajr ma jiffaċċjaw restrizzjonijiet amministrattivi jew operazzjonali addizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-applikazzjoni tal-KAAT 2 ma tirriżultax f'restawr tal-ambjent selvaġġ de facto tal-art agrikola produttiva, u jipprovdu gwida ċara u ssimplifikata biex jiġu evitati inċertezza legali, burokrazija eċċessiva

	jew tfixkil mhux intenzjonat fis-sistemi tal-biedja;

Or. en

Emenda 1125
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1126
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki ***realistiċi li jirriflettu l-impenn bħala ħin mogħti mill-benefiċjarju*** pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf; ***jisħaq li huwa essenzjali li meta tiġi kkalkulata r-remunerazzjoni dovuta għas-servizzi, il-metodoloġija tmur lil hinn mil-lenti dejqa tal-"kostijiet imġarrba u l-introjtu mitluf" mill-bidwi, peress li t-telf soċjoekonomiku għall-komunità usa' jista' jkun ħafna akbar bit-***

telf kemm tal-attività ekonomika upstream kif ukoll downstream fiż-żona lokali;

Or. en

Emenda 1127
Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Marion Walsmann, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf***, peress li l-approċċi bbażati fuq l-inċentivi jipprovdu l-aħjar riżultati f'termini tat-titjib tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura Ewropea***; ***jappoġġja, għalhekk, it-tranżizzjoni minn reġim tal-kundizzjonalità bbażat fuq il-konformità stretta għal wieħed fejn il-bdiewa jiġu ppremjati talli jilħqu l-objettivi tal-kundizzjonalità permezz ta' ekoskemi jew miżuri oħra;***

Or. en

Emenda 1128
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet

imġarrba jew l-introjtu mitluf;	imġarrba jew l-introjtu mitluf; ***jitlob aktar ċarezza legali biex jiġi żgurat li l-kumpens għall-ekoskemi u għall-miżuri agroambjentali fil-fatt jinkludi premju bħala inċentiv li jmur lil hinn mill-kostijiet imġarrba u l-introjtu mitluf, kemm jekk il-kumpens jiġi pprovdut taħt il-PAK jew minn fondi nazzjonali;***

Or. nl

Emenda 1129
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki ***permezz ta' appoġġ immirat bħal għajnuna akkoppjata,*** pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf ***li jimplika li ma jkunx hemm biża' li l-Unjoni Ewropea tuża d-diskrezzjoni wiesgħa ħafna li għandha f'dak li jirrigwarda l-hekk imsejħa għajnuna li toħloq distorsjoni skont il-kriterji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ***;

Or. fr

Emenda 1130
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex,	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex,

huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf; ***għal dan il-għan, jipproponi bidla lejn sistema bbażata fuq l-inċentivi li tiġi adattata għall-kapaċità ekonomika tal-azjendi agrikoli u tevita penali indiretti li jistgħu jaffettwaw il-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli;***

Or. ro

Emenda 1131
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob ***PAK aktar komuni li tagħti flessibbiltà lill-bdiewa u tevita kwalunkwe rinazzjonalizzazzjoni tal-Istati Membri, u*** li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;

Or. it

Emenda 1132
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u

soċjali ***li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf***;	soċjali ***u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-bini ta' kapaċitajiet għal trasformazzjoni agrikola-ekoloġika fit-tul***;

Or. en

Emenda 1133
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali ***li jmorru*** lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali ***ambizzjużi b'mod li l-inċentivi li jirċievu għalihom imorru*** lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;

Or. es

Emenda 1134
Barry Cowen, Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi***, fit-tielet pilastru ambjentali ffinanzjat dan l-aħħar***, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;

Or. en

Emenda 1135
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, ***mingħajr ma jkun hemm impatt fuq il-baġit attwali tal-PAK,*** sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;

Or. fr

Emenda 1136
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki ***pjuttost milli jiġu imposti obbligi,*** sabiex***,*** huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu ***attivitajiet*** ambjentali u soċjali ***li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf***;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki sabiex huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu ***rekwiżiti*** ambjentali u soċjali;

Or. en

Emenda 1137
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki

pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali ***(bħall-promozzjoni tal-kwalità tal-ilma)*** u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;

Or. en

Emenda 1138
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, il-bdiewa jwettqu attivitajiet ambjentali u soċjali ***speċifiċi għaż-żoni ġeografiċi,*** li jmorru lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;

Or. ro

Emenda 1139
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jiġu inċentivati prattiki ***pjuttost milli jiġu imposti obbligi, sabiex, huma u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom,*** il-bdiewa ***jwettqu attivitajiet*** ambjentali u soċjali ***li jmorru*** lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;	24. Jitlob li jiġu inċentivati ***aktar*** prattiki ***biex*** il-bdiewa ***jwasslu beni pubbliċi*** ambjentali u soċjali***; jenfasizza li dawn l-inċentivi għandhom imorru lil hinn mir-rekwiżiti legali u*** lil hinn mill-kostijiet imġarrba jew l-introjtu mitluf;

Or. en

Emenda 1140
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jinnota li mill-introduzzjoni tal-PAK il-ġdida fl-2023, l-obbligi tal-kundizzjonalità nbidlu ħames darbiet, bis-sitt wieħed, pakkett ta' simplifikazzjoni, li ġie lanqas biss sena wara l-aħħar simplifikazzjoni jew tnaqqis bħal dan, u tliet xhur biss qabel ma huwa mistenni s-seba' wieħed - il-proposta leġiżlattiva ewlenija tal-PAK; jinnota s-sejħa mill-bdiewa lil dawk li jfasslu l-politika biex ma jibqgħux jibdlu r-regoli l-ħin kollu;

Or. en

Emenda 1141
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jinnota li l-PAK attwali introduċiet il-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid, li jgħaddi għal eżiti bbażati fuq il-prestazzjoni; jissottolinja li b'riżultat ta' dan u sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-awditi, għandhom jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-verifiki dettaljati fuq in-nefqa favur il-verifiki tal-prestazzjoni;

Or. en

Emenda 1142
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jikkunsidra li l-għajnuna akkoppjata mal-produzzjoni hija miżura sempliċi biex tiżdied il-produzzjoni ta' prodotti meħtieġa u biex wieħed jibbenefika mis-servizzi ambjentali assoċjati;

Or. fr

Emenda 1143
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jappella għall-iżvilupp ta' mekkaniżmu tal-iżvilupp immexxi mill-komunità lokali u li l-għodod tal-iżvilupp rurali parteċipattiv ikunu obbligatorji fl-Istati Membri kollha tal-UE;

Or. en

Emenda 1144
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissimplifika l-aċċess għall-finanzjament billi tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u tiżgura li l-mekkaniżmu ta' plurifond

jappoġġja l-inizjattivi effiċjenti u mmexxija mill-komunità u żżid il-finanzjament tal-LEADER/tas-CLLD;

Or. en

Emenda 1145
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jappella għall-istabbiliment ta' sistema ċentralizzata u elettronika ta' rapportar, "punt uniku ta' servizz tal-PAK", fejn il-bdiewa jistgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet, ir-rapporti u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa f'post wieħed;

Or. en

Emenda 1146
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi "Helpdesk tal-PAK", aċċessibbli permezz tat-telefown, l-e-mail, online u ċ-chat, bil-kompitu li tipprovdi dokumenti ta' gwida ċari, mistoqsijiet frekwenti u struzzjonijiet pass pass biex tgħin lill-bdiewa jorjentaw ruħhom fir-regoli tal-PAK, kif ukoll torganizza sessjonijiet ta' informazzjoni regolari u forum ta' diskussjoni online fejn il-bdiewa jistgħu jikkondividu l-esperjenzi u jipprovdu feedback għat-titjib tal-PAK;

Or. en

Emenda 1147
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24d. Jitlob li l-proċessi tal-PAK isirulhom rieżamijiet regolari minn bord ta' professjonisti li jinkludi l-bdiewa, biex jiġi żgurat li jissodisfaw il-ħtiġijiet reali tal-bdiewa, u b'hekk ikunu possibbli aġġustamenti malajr meta dan ikun meħtieġ;

Or. en

Emenda 1148
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24e. Jappella għall-eliminazzjoni tal-kundizzjonalità soċjali biex jiġu evitati l-penali doppji u l-piżijiet eċċessivi;

Or. en

Emenda 1149
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu	***imħassar***

vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 1150
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jiġu vvalutati*** mill-ġdid ***ir-rekwiżiti*** tal-kundizzjonalità tal-PAK ***sabiex jittaffa l-piż*** amministrattiv***, jitnaqqsu l-kostijiet*** u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni ***eċċessivi***, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni ***tagħhom***;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li ***tiġi vvalutata*** mill-ġdid ***l-effettività tar-rekwiżiti*** tal-kundizzjonalità tal-PAK ***kif definiti mill-Istati Membri, billi jkun hemm enfasi fuq dawk ir-rekwiżiti l-aktar meħtieġa biex jiġu ssalvagwardjati l-fatturi tal-produzzjoni u l-funzjonament bażiku tal-agroekosistema (iċ-ċikli tal-ħamrija-ilma-nutrijenti), bħall-protezzjoni tal-art bil-ħaxix, il-protezzjoni tal-artijiet mistagħdra, l-iżgurar ta' newba tal-għelejjel minima u l-preżervazzjoni u l-provvista taż-żoni mhux tal-għelejjel għall-bijodiversità funzjonali u kontra l-erożjoni; jenfasizza li din il-valutazzjoni għandha tqis il-piż*** amministrattiv ***għall-bdiewa, il-kostijiet għall-bdiewa u tevita*** rekwiżiti ta' applikazzjoni ***li mhumiex l-aħjar prattika bażika tal-biedja jew li jimplikaw kostijiet mhux raġonevoli***, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni ***tar-rekwiżiti***; ***jinnota l-iskema ssimplifikata għall-bdiewa żgħar li ilha stabbilita mir-riforma tal-PAK tal-2013 li teżenta strutturi iżgħar mir-regoli tal-kundizzjonalità, li ssaħħet fir-riforma tal-2021 għal eżenzjoni sħiħa tal-farms kollha iżgħar minn 10 ettari,***

sabiex issa żewġ terzi tal-farms ma għandhomx bżonn li jikkonformaw mal-kundizzjonalità;

Or. en

Emenda 1151
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom; ***jappella għal titjib fil-governanza tal-PAK billi tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar bejn il-livell tal-UE, il-livell nazzjonali u l-livell reġjonali, u billi jissaħħaħ l-involviment tal-partijiet ikkonċernati—b'mod partikolari tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u tal-ħaddiema tal-farms; dan jirrikjedi proċessi aktar trasparenti u inklużivi, bini tal-kapaċitajiet aktar b'saħħtu fil-livell lokali, informazzjoni aċċessibbli u monitoraġġ effettiv, kollha kemm huma allinjati mal-għanijiet tas-sostenibbiltà;***

Or. en

Emenda 1152
Norbert Lins, Stefan Köhler, Christine Schneider, Marion Walsmann, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li ***fl-istess ħin jiġi implimentat mudell ibbażat fuq l-inċentivi finanzjarjament aktar b'saħħtu li jkun ta' benefiċċju għall-bdiewa li jkunu lesti li jagħmlu aktar għall-miżuri agroambjentali u klimatiċi, il-miżuri tas-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali kif ukoll il-miżuri tas-saħħa tal-pjanti; filwaqt*** tiġi rispettata l-flessibbiltà ***u s-sempliċità*** tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 1153
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK ***billi ssir enfasi fuq dawk ir-rekwiżiti l-aktar meħtieġa bħall-protezzjoni tal-art bil-ħaxix, il-protezzjoni tal-artijiet mistagħdra, l-iżgurar ta' newba tal-għelejjel minima u l-preżervazzjoni u l-provvista taż-żoni mhux produttivi għall-bijodiversità,*** sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 1154
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa ***urġenti*** li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex ***jiġu eliminati r-regolamenti sproporzjonati u jiġi evitat li dawn isiru ostakli amministrattivi jew ostakli ekonomiċi,*** jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;

Or. ro

Emenda 1155
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom; ***dan l-approċċ il-ġdid għandu jkun ibbażat fuq l-objettiv li jiżdiedu l-valur miżjud u l-investimenti fl-innovazzjonijiet;***

Or. en

Emenda 1156
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom ***u l-ħtieġa li jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi għall-agrikoltura Ewropea***;

Or. en

Emenda 1157
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti*** tal-kundizzjonalità tal-PAK ***sabiex jittaffa l-piż*** amministrattiv***, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni*** eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jiġi żgurat li r-rekwiżiti*** tal-kundizzjonalità tal-PAK ***ma jiġġenerawx piż*** amministrattiv ***u kostijiet*** eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom***, filwaqt li titkompla l-promozzjoni ta' prattiki tal-biedja sostenibbli, jinżammu kundizzjonijiet ekwi u l-appoġġ pubbliku għall-politika***;

Or. en

Emenda 1158
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt ***jiġu rispettati l-istandards stabbiliti u*** li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 1159
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu vvalutati mill-ġdid ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 1160
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jiġu vvalutati*** mill-ġdid ***ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità*** tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni	25. Jissottolinja l-ħtieġa li ***tiġi vvalutata*** mill-ġdid ***il-kundizzjonalità*** tal-PAK sabiex jittaffa l-piż amministrattiv, jitnaqqsu l-kostijiet u jiġu evitati rekwiżiti ta' applikazzjoni eċċessivi, filwaqt li tiġi

eċċessivi, filwaqt li tiġi rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;

rispettata l-flessibbiltà tal-bdiewa fl-implimentazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 1161
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema ta' valutazzjoni komparattiva bbażata fuq il-farms għall-industrija agroalimentari, tal-UE kollha, iffukata fuq l-eżiti li jistgħu jitkejlu aktar milli fuq il-miżuri preskrittivi; jappella wkoll għat-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tal-obbligi amministrattivi billi jiġu allinjati l-objettivi regolatorji u jittejbu l-għodod diġitali, sabiex jinħolqu perkorsi aktar koerenti u aċċessibbli għall-konformità;

Or. en

Emenda 1162
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tibgħat messaġġ qawwi biex tħeġġeġ l-awtoresponsabbiltà tal-bdiewa billi taġġusta t-tolleranza u r-regoli "de minimis", filwaqt li tiżgura li s-sanzjonijiet ikunu proporzjonati, mhux biss rigward il-kundizzjonijiet bażiċi tal-eliġibbiltà għall-pagamenti tal-PAK iżda b'mod partikolari dawk relatati mar-

rekwiżiti tal-kundizzjonalità, kif ukoll l-iskemi ekoloġiċi volontarji u l-miżuri agroambjentali-klimatiċi;

Or. en

Emenda 1163
Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Mingħajr effett ta' distorsjoni fuq is-suq intern, il-pagamenti tal-appoġġ akkoppjat volontarju (VCS) għandhom jinżammu bħala għodda biex tinżamm il-produzzjoni fis-setturi vulnerabbli u jiġu miġġielda d-diffikultajiet speċifiċi, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-iżvantaġġ kompetittiv strutturali taż-żoni żvantaġġati;

Or. en

Emenda 1164
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jitlob li l-PAK ta' wara l-2027 tneħħi xi miżuri ta' kundizzjonalità jew timxi għal sistema ta' ekoskemi volontarji, u b'hekk tippermetti adattament akbar u toffri premju bħala inċentiv;

Or. nl

Emenda 1165
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li r-rekwiżiti leġiżlattivi l-ġodda kollha fl-ambitu tal-PAK ta' wara l-2027 ikunu akkumpanjati minn perjodi ta' tranżizzjoni suffiċjenti u minn simplifikazzjonijiet amministrattivi biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt u tal-ippjanar għall-bdiewa;

Or. en

Emenda 1166
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu l-ekoskemi aktar sempliċi u aktar flessibbli fil-PAK ta' wara l-2027; jinnota, f'dan ir-rigward, li xi Stati Membri għamlu s-sistema tal-ekoskemi kkumplikata bla bżonn permezz ta' sistema ta' punti; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-bdiewa tagħhom b'lista ċara u sempliċi ta' għażliet ta' ekoskemi volontarji minn fejn jagħżlu, kompluta bi premjijiet xierqa;

Or. nl

Emenda 1167
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jitlob li jittaffew ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-ħamrija tal-pit (KAAT 2) u li jiġu mmodifikati r-rekwiżiti minimi tal-kopertura (KAAT 6);

Or. en

Emenda 1168
Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' "waqfa mill-burokrazija" speċifika għall-farms tal-familja żgħar u ta' daqs medju biex tiġi appoġġjata s-sopravivenza fit-tul tagħhom;

Or. en

Emenda 1169
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jitlob li tintemm is-sistema tal-punti kumplessa favur proċess tal-għażla aktar sempliċi għall-miżuri, u li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti tal-bdiewa billi jiġi implimentat metodu ċar u sempliċi għall-għażla tal-miżuri ekoloġiċi biex tiġi eliminata l-kumplessità żejda;

Or. en

Emenda 1170
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jiddeplora l-fatt li, sabiex jikkonformaw mal-PAK, il-bdiewa ħafna drabi jkollhom jonfqu ħafna flus biex iqabbdu konsulenti minħabba li l-implimentazzjoni (nazzjonali) tal-politika saret ikkumplikata żżejjed;

Or. nl

Emenda 1171
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25d. Jappella għal aktar flessibbiltà fil-PAK ta' wara l-2027 f'każ ta' kundizzjonijiet meteoroloġiċi mhux previsti u ċirkustanzi oħra sabiex ma jkunx meħtieġ proċess leġiżlattiv biex bidwi jkun jista' jirrispondi b'mod adegwat għal ċirkustanzi mhux previsti;

Or. nl

Emenda 1172
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-	***imħassar***

aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;

Or. en

Emenda 1173
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;	26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni ***tal-koperattivi,*** tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP)***, tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (APOs)*** u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa ***filwaqt li l-kooperattivi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (APOs) jingħataw il-possibbiltà li jimmaniġġjaw l-istrumenti ekonomiċi u l-għodod tal-ġestjoni tar-riskju***;

Or. en

Emenda 1174
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;	26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa; ***għandu jappoġġa l-ħolqien ta' "kooperattivi tal-produtturi", sistemi li jinvolvu l-produtturi, il-proċessuri u l-manifatturi ta' prodotti lesti;***

Or. hu

Emenda 1175
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;	26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP), ***tal-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi (AOP),*** u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs)***, tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali (OI) u ta' atturi oħra fil-katina tal-valur agroalimentari,*** fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;

Or. it

Emenda 1176
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;	26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa; ***jappoġġja bil-qawwa kwalunkwe inizjattiva ulterjuri li tipprovdi lill-bdiewa għodod ġodda għall-ġestjoni tas-suq u b'eċċezzjonijiet addizzjonali għar-regoli dwar il-kompetizzjoni;***

Or. en

Emenda 1177
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-	26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-

mekkaniżmi ta’ ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa***;***	mekkaniżmi ta’ ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa ***billi jipprevedu l-possibbiltà tal-involviment dirett ta’ għodod ekonomiċi kkontrollati mill-bdiewa bħall-kooperattivi u l-OP;***

Or. en

Emenda 1178
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li ***r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni*** u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, ***u jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni*** tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta’ ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;	26. Iqis li ***l-programmi operazzjonali għas-setturi bħal dawk tal-frott u l-ħxejjex, il-ħops jew it-trobbija tan-naħal kif ukoll setturi ġodda oħrajn wara r-riforma tal-2021, kif ukoll il-programmi nazzjonali ta’ għajnuna għall-vitikultura għandhom jinkorporaw is-simplifikazzjoni*** u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, ***b’mod partikolari dawk relatati mal-istabbilizzazzjoni*** tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta’ ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;

Or. fr

Emenda 1179
Thomas Waitz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u	26. Iqis li r-Regolament dwar l-OKS għandu jinkorpora s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa, u

jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;	jinkludi r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP)***, anke fis-settur organiku,*** u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex (FVPOs) fl-istabbilizzazzjoni tas-suq, u li l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħa;

Or. en

Emenda 1180
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi mħeġġeġ li l-offerta agrikola ssir fuq skala tal-massa, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, biex jiġi żgurat bilanċ aħjar fil-katina tal-valur agroalimentari u biex b'hekk il-bdiewa jkollhom remunerazzjoni aħjar; jappoġġja, għal dan il-għan, l-iżvilupp ta' miżuri ta' deroga mil-liġi dwar il-kompetizzjoni;

Or. fr

Emenda 1181
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jikkunsidra li l-ħlas ta' għajnuna diretta permezz ta' titoli skambjabbli li jiġu attivati għaż-żoni agrikoli eliġibbli li ddaħħal permezz tar-riforma tal-PAK tal-2003 jinvolvi kumplessità sproporzjonata, kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-

amministrazzjonijiet nazzjonali, fir-rigward tas-sistema simplifikata diġà implimentata f'diversi Stati Membri;

Or. fr

Emenda 1182
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-istatus legali tal-qanneb [1a] fl-Unjoni Ewropea u tadotta dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jiżguraw li l-partijiet kollha tal-pjanta tal-qanneb ikunu jistgħu jiġu prodotti, maħsuda, ipproċessati u kkummerċjalizzati b'mod legali fl-UE;
	[1a] Dan jgħin biex jiġu armonizzati l-atti leġiżlattivi nazzjonali, tiġi żgurata l-konsistenza mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u l-obbligi internazzjonali, u jappoġġja l-iżvilupp ta' qafas regolatorju koerenti adattat għal dan is-settur agrikolu emerġenti. Il-kultivazzjoni tal-qanneb toffri potenzjal sinifikanti biex tittejjeb is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-agrikoltura tal-UE filwaqt li jiġu ġġenerati opportunitajiet ekonomiċi ġodda u flussi ta' introjtu komplementari għall-bdiewa u titrawwem l-innovazzjoni fiż-żoni rurali.

Or. en

Emenda 1183
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Ifakkar ukoll li r-Regolament dwar l-OKS għandu jindirizza d-domanda tal-produtturi u tal-konsumaturi rigward l-ismijiet tal-bejgħ ta' ċerti prodotti agrikoli, bħal dawk relatati mal-laħam, li jridu jiġu protetti mir-riskju ta' użu qarrieqi;

Or. en

Emenda 1184
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina kif il-kollaborazzjoni fil-katina mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali u atturi oħra tista' tiġi inkoraġġita u appoġġata permezz tar-Regolament dwar l-OKS;

Or. nl

Emenda 1185
Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi promoss u msaħħaħ ir-rwol tal-kooperattivi, tal-gruppi ta' produtturi u tal-organizzazzjonijiet fuq skala żgħira fuq terminu twil għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-PAK;

Or. en

Emenda 1186
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi rieżami komprensiv tal-għodod li għandhom l-għan li jtejbu r-reżiljenza kontra l-volatilità tas-suq u l-kollassi tal-prezzijiet tas-suq;

Or. en

Emenda 1187
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi xbieki ta' sikurezza effiċjenti fir-Regolament dwar l-OKS, inkluż rieżami tal-prezzijiet attwali tal-intervent pubbliku u l-limiti ta' referenza biex jiġu riflessi bir-reqqa l-kundizzjonijiet u r-realtajiet ekonomiċi attwali;

Or. en

Emenda 1188
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26c. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-bdiewa għodod aċċessibbli għall-ġestjoni tar-riskju adattati biex jimmaniġġjaw ir-riskji differenti li jiffaċċjaw, inklużi r-riskji tas-suq, u toffrilhom is-sigurtà meħtieġa biex jistabbilizzaw il-produzzjoni agrikola u l-introjtu tagħhom;

Or. en

Emenda 1189
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1190
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata	***imħassar***

minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1191
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn ***rapport dettaljat*** tal-impatt kumulattiv ***fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku,*** soċjali u legali***, b'aġġornamenti*** ppubblikati ***wara*** kwalunkwe bidla ***fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet***;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn ***valutazzjoni tal-impatt komprensiva u dettaljata skont il-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE bbażata fuq ix-xjenza rriežaminata bejn il-pari u b'kunsens akkademiku internazzjonali, b'impatti ekonomiċi kkwantifikati inklużi l-kundizzjonijiet preċiżi prežunti, li jippermettu ħarsa ġenerali*** tal-impatt kumulattiv ***ambjentali,*** soċjali u legali***; jitlob ukoll li jiġu*** ppubblikati ***aġġornamenti meta tiġi proposta*** kwalunkwe bidla ***sussegwenti fil-liġi***; ***jenfasizza li l-proposti għandhom ikunu akkumpanjati wkoll mill-mezzi finanzjarji biex jintlaħqu;***

Or. en

Emenda 1192
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet***, u fil-każ ta' proposti ta' tranżizzjoni, li l-mudelli ta' ġestjoni jew il-proċeduri agrikoli jkunu akkumpanjati minn pjan ta' tranżizzjoni pluriennali, u minn fondi ta' kumpens u ta' restawr għall-attività agrikola***;

Or. it

Emenda 1193
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ***u għandha tiġi introdotta prattika li l-ebda deċiżjoni ma tista' tittieħed mingħajr l-organizzazzjonijiet ta' rappreżentanza tal-interessi (li l-membri tagħhom jistgħu jkunu biss bdiewa);***

Or. hu

Emenda 1194
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. ***Jirrikjedi li jiġi żgurat li*** kwalunkwe proposta leġiżlattiva ***li taffettwa l-agrikoltura*** tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. ***Iwaqqaf*** kwalunkwe proposta leġiżlattiva ***dwar il-prattiki agrikoli li żżid il-piż ambjentali fuq il-bdiewa li diġà jikkonformaw mal-kundizzjonalità tal-PAK; kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva li tinvolvi l-katina agroalimentari għandha*** tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1195
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv ***fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku,*** soċjali ***u*** legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata, ***dejjem jekk ikun xieraq,*** minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv ***li jkun ibbażat fuq evidenza xjentifika, b'attenzjoni speċjali għall-aspetti ekonomiċi u*** soċjali***, li jagħti ċertezza*** legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. es

Emenda 1196
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, ***li jivvaluta l-impatti ekonomiċi tal-miżuri tal-politika proposti fil-livell tal-farm,*** b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1197
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet***, kif ukoll rieżamijiet regolari tal-miżuri***;

Or. en

Emenda 1198
Benoit Cassart, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport ***komprensiv u*** dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1199
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ***ambjentali,*** ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1200
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq

dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	dak li hu ekonomiku, xjentifiku, ***ambjentali,*** soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1201
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku***, ambjentali***, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1202
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt ***kumulattiv*** fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u ***legali***, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun akkumpanjata minn rapport dettaljat tal-impatt fuq dak li hu ***ambjentali,*** ekonomiku, xjentifiku, soċjali u ***tas-saħħa***, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 1203
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun ***akkumpanjata*** minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	27. Jirrikjedi li jiġi żgurat li kwalunkwe proposta leġiżlattiva li taffettwa l-agrikoltura tkun ***preċeduta*** minn rapport dettaljat tal-impatt kumulattiv fuq dak li hu ekonomiku, xjentifiku, soċjali u legali, b'aġġornamenti ppubblikati wara kwalunkwe bidla fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. ro

Emenda 1204
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1205
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1206
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat ***b'mod partikolari fuq immaġnijiet*** bis-satellita ***u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u*** kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ***tad-data u*** ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat ***aktar fuq l-osservazzjoni tad-dinja (it-telerilevament, u l-użu tal-immaġnijiet*** bis-satellita***) u l-kontroll għandu jkun ibbażat kemm jista' jkun fuq kontroverifiki amministrattivi awtomatizzati tal-bażijiet tad-data li diġà jinsabu fis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u*** kontroll ***(SIAK)*** sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet ***fiżiċi*** fuq il-post ***u anke fl-interess tas-simplifikazzjoni tal-interfaċċa amministrattiva li huma esposti għaliha l-bdiewa***; ***jitlob lill-Istati Membri jikkoordinaw il-ħidma tagħhom u finalment jimplimentaw l-Approċċ ta' Awditu Uniku biex inaqqsu l-ħin mitluf mill-bdiewa minħabba l-kontrolli ta' akkumpanjament;***

Or. en

Emenda 1207
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet ***u l-kontrolli*** fuq il-post; ***Jissottolinja l-ħtieġa ta' tranżizzjoni lejn sistemi diġitali integrati u interoperabbli għall-monitoraġġ tal-PAK, b'soluzzjonijiet moderni bħall-immaġni bis-satellita, bażijiet tad-data interoperabbli u l-intelliġenza artifiċjali, b'rispett strett għall-protezzjoni tad-data tal-bdiewa;***

Or. ro

Emenda 1208
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni ***jrid ikun ċar u jirreferi għal strument regolatorju wieħed***, għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post ***u jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi għall-bdiewa***;

Or. it

Emenda 1209
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat ***b'mod partikolari*** fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll ***sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post***;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll***; Fl-istess waqt, filwaqt li jitqiesu l-limitazzjonijiet eżistenti fl-użu tat-teknoloġija tas-satellita, b'mod partikolari rigward il-pakketti żgħar u ristretti, jitqies li huwa neċessarju li jinżammu sistemi oħra***;

Or. en

Emenda 1210
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ***wieħed u jirreferi għal referenza leġiżlattiva waħda, għandu jkun*** ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post ***u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi tal-bdiewa***;

Or. en

Emenda 1211
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni

għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post***, u li dawn il-bażijiet tad-data għandhom ikunu aċċessibbli għall-bdiewa kollha***;

Or. hu

Emenda 1212
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu ***jinżamm f'livell minimu u*** jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post ***u jitnaqqas il-piż amministrattiv***;

Or. en

Emenda 1213
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu***, sa fejn ikun possibbli,*** l-ispezzjonijiet fuq il-post;

Or. es

Emenda 1214
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post ***meta jkun fattibbli***;

Or. en

Emenda 1215
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat ***b'mod partikolari*** fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat ***meta jkun utli aktar u aktar*** fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;

Or. en

Emenda 1216
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni	28. Jindika li l-ġbir ta' informazzjoni

għandu jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;	***jista'*** jkun ibbażat b'mod partikolari fuq immaġnijiet bis-satellita u bażijiet tad-data integrati ta' ġestjoni u kontroll sabiex jitnaqqsu l-ispezzjonijiet fuq il-post;

Or. en

Emenda 1217
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid id-disinn u l-ambitu tar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità u s-servizzi tal-ekosistema fl-ambitu tal-PAK, bil-għan li tagħmilhom aktar flessibbli u orjentati lejn ir-riżultati; jappella wkoll għal evalwazzjoni tar-regoli attwali dwar l-għajnuna mill-Istat biex jiġu permessi pagamenti li jmorru lil hinn mill-kumpens għall-kostijiet u l-introjtu mitluf, biex il-finanzjament pubbliku jkun jista' tassew jinċentiva l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni ta' natura ekoloġika; jistieden lill-Kummissjoni tesplora sorsi ta' finanzjament addizzjonali lil hinn mill-PAK biex tappoġġja lill-bdiewa fl-iżvilupp ta' mudelli tan-negozju sostenibbli u adattati għall-kundizzjonijiet lokali;

Or. en

Emenda 1218
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' konverġenza tal-pagamenti diretti madwar l-Unjoni Ewropea, kemm fi ħdan kif ukoll bejn l-Istati Membri, billi l-bdiewa Ewropej qed jagħmlu sforzi simili, irrispettivament mir-reġjun, biex jipproduċu l-ikel, qed jikkompetu fl-istess suq uniku u qegħdin jissodisfaw l-istess obbligi stabbiliti permezz tal-Politika Agrikola Komuni (PAK);

Or. ro

Emenda 1219
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Susana Solís Pérez, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq modernizzazzjoni tas-sistema integrata ta'ġestjoni u kontroll tal-immaġnijiet mis-satelliti, bħal Copernicus jew Galileo, sabiex jintegraw t-teknoloġiji ġodda eżistenti biex tingħata aktar preċiżjoni u affidabbiltà lis-settur agrikolu Ewropew u lill-amministrazzjoni tagħha;

Or. es

Emenda 1220
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jappella għal rieżami kritiku tal-

kundizzjonalità soċjali fil-PAK biex jiġu evitati d-duplikazzjoni tar-regolamenti u l-piż amministrattiv peress li l-politika soċjali hija r-responsabbiltà sovrana tal-Istati Membri u għalhekk hija diġà rregolata fil-livell nazzjonali;

Or. en

Emenda 1221
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jappella għal evalwazzjoni tal-effettività tal-istruttura attwali tal-Pjanijiet Strateġiċi, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet maniġerjali u l-amministrazzjonijiet nazzjonali kollha involuti;

Or. en

Emenda 1222
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jirrimarka li l-gvernijiet nazzjonali bħalissa għandhom possibbiltà wiesgħa li jittrasferixxu fondi maħsuba għall-appoġġ dirett għall-introjtu mill-pilastru I għall-pilastru II u dan għandu jiġi delineat u ristrett;

Or. nl

Emenda 1223
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jitlob li l-għajnuna tal-PAK tiġi integrata fis-sistema ta' kontroll Ewropea ARACHNE sabiex jiġu evitati r-riskji ta' frodi u biex jittieħdu l-benefiċċji tal-esperjenza akkwistata fir-rigward tal-fondi strutturali;

Or. fr

Emenda 1224
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jikkunsidra li l-awtomatizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċedimenti amministrattivi mill-bdiewa u benefiċjarji oħrajn għandha tkun realtà;

Or. es

Emenda 1225
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-modernizzazzjoni teknoloġika tal-agrikoltura ma ssirx għad-detriment tal-

vijabbiltà tal-farms tal-familja, li jiffurmaw is-sinsla tal-mudell agrikolu Ewropew; jissottolinja l-ħtieġa li jitfasslu strateġiji tal-innovazzjoni u tranżizzjonijiet diġitali b'mod li huwa inklużiv, parteċipatorju u aċċessibbli għall-farms żgħar u ta' daqs medju; jappella wkoll għal allinjament ma' inizjattivi usa' tal-UE—bħall-"Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali"—biex jiġi żgurat li l-progress teknoloġiku jikkontribwixxi għall-koeżjoni rurali, għall-parteċipazzjoni demokratika u għall-iżvilupp sostenibbli;

Or. en

Emenda 1226
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Iqis li huwa essenzjali li l-Istati Membri li jirrikonoxxu li r-reġjuni għandhom rwol statutorju fil-ġestjoni tal-PAK jingħataw l-opportunità li jirkupraw l-istrumenti tal-ġestjoni fil-livell reġjonali fil-kuntest tal-miżuri tal-iżvilupp rurali;

Or. en

Emenda 1227
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jirrimarka li, jekk ma jkunx hemm domanda suffiċjenti għall-fondi allokati bħal perežempju għal Leader,

għandu jkun possibbli li dawn il-fondi mhux użati jintużaw fl-Istati Membri għal objettivi oħra tal-politika PAK;

Or. nl

Emenda 1228
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28c. Jiġu korretti d-diskrepanzi bejn il-kejl prattiku u d-data katastali u tiġi aġġustata r-reġistrazzjoni tal-elementi tal-pajsaġġ, inkluż l-iskadenzi estiżi għas-sottomissjoni tar-ritratti, u inkluż l-użu tal-monitoraġġ bis-satellita;

Or. en

Emenda 1229
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28d. Jitlob li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jużaw sehem immirat tal-fondi b'mod flessibbli biex jappoġġjaw l-investiment fl-innovazzjonijiet u fit-teknoloġiji ewlenin; jisħaq li tali appoġġ għall-investiment għandu jkun allinjat b'mod ċar mal-objettivi tal-Artikolu 39 tat-TFUE, u jikkontribwixxi għall-kompetittività, għas-sostenibbiltà u għar-reżiljenza fit-tul tas-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 1230
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda, Pär Holmgren

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ ***tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura,*** u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu ***pprovduti ġibjuni regolatorji***, ***sistemi*** ta' ħżin tal-ilma***, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss*** użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva ***tar-reżiljenza*** tal-ilma sabiex ***tieħu approċċ olistiku u integrat tal-ġestjoni tal-ilma u*** tinvesti aktar fit-tisħiħ ***taż-żamma fil-ħamrija u fil-pajsaġġ, u timmodernizza u tagħmel l-infrastruttura tal-irrigazzjoni aktar effiċjenti, biex l-agrikoltura tkun aktar effiċjenti u reżiljenti***, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu ***rregolati s-sistemi*** ta' ħżin tal-ilma ***[1a] biex il-bdiewa kollha fil-baċir tal-iskular ikollhom aċċess ġust għar-riżorsa kondiviża, u bl-użu ta' valutazzjonijiet idroloġiċi kumulattivi tal-baċir kollu, biex jiġi evitat it-tnaqqis tal-livelli tal-wiċċ tal-ilma ta' taħt l-art u jiġi żgurat il-fluss funzjonali tax-xmajjar għall-utenti downstream li jinkludi s-sajd; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu promossi l-effiċjenza tal-ilma u l-iffrankar tal-ilma inkluż fl-infrastruttura tal-ilma/tat-tisqija u fl-agronomija,*** użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma ***u jiġu appoġġjati prattiki agrikoli li jtejbu l-effiċjenza u r-reżiljenza tal-ilma, speċjalment billi tiżdied il-kwalità tal-ħamrija ħalli jiġi assorbit u jinżamm aktar ilma fuq u fl-art, titnaqqas l-erożjoni, u l-użu tal-agroforestrija u tekniki agroekoloġiċi oħra u l-biedja organika***; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

[1a] Il-ġibjuni huma subsett tas-sistemi tal-

ħżin tal-ilma. Mhuwiex ċar ukoll x'inhu "ġibjun regolatorju". Barra minn hekk, ir-regolazzjoni tal-ħażna fuq l-art hija importanti biex jiġi evitat il-ħela tar-riżorsi prezzjużi tal-ilma minħabba l-evaporazzjoni u l-imblukkar tal-infiltrazzjoni u l-perkolazzjoni fil-provvista tal-ilma ta' taħt l-art; huwa imperattiv li l-livell tal-ilma fil-wiċċ tal-ilma ta' taħt l-art ma jonqosx, biex l-utenti kollha jkunu jistgħu jaċċessaw l-ilma u jiġi evitat li bdiewa oħra jkollhom iħaffru bjar aktar fondi bi spejjeż (enormi) għalihom stess.

Or. en

Emenda 1231
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tgħammar*** il-PAK għal wara l-2027 ***b'perspettiva tal-ilma*** sabiex tinvesti aktar ***fit-tisħiħ*** tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tintegra approċċ strateġiku għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma,*** sabiex tinvesti aktar ***fil-modernizzazzjoni u fl-iżvilupp*** tal-infrastruttura ***tal-ilma*** li jġib aktar effiċjenza***, kompetizzjoni*** u reżiljenza għall-agrikoltura***, b'investiment ta' prijorità fl-infrastrutturi taż-żamma u d-distribuzzjoni tal-ilma, filwaqt li tiġi protetta wkoll is-sjieda u jiġi ggarantit aċċess ġust għar-riżorsi tal-ilma għall-bdiewa, irrispettivament mid-daqs tal-azjenda agrikola***, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-

Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. ro

Emenda 1232
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u ***reżiljenza*** għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali ***fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel***; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, ***interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss*** użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma ***sabiex jissaħħaħ l-akkoppjament tal-ilma u l-ikel bħala fus fundamentali biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel; iħeġġeġ biex*** tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u ***kompetittività*** għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali ***għall-produzzjoni tal-ikel u b'hekk jiġi ggarantit l-iżvilupp tas-settur rurali***; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, ***infrastrutturi neċessarji għaż-żieda tal-kapaċità ta' regolamentazzjoni u garanziji ta' ilma għat-tisqija***; ***huma meħtieġa investiment kbar fil-purifikazzjoni, trattament u riġenerazzjoni tal-ilma maħsub għall-agrikoltura, kif ukoll li jiġi promoss*** użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. es

Emenda 1233
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025; ***jissottolinja l-kumplessità tal-użu tal-fondi tal-PAK, b'mod partikolari tat-tieni pilastru, għall-finanzjament tal-infrastrutturi tat-tisqija; jitlob simplifikazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament ta' dawn l-infrastrutturi, sabiex dawn ikunu jistgħu jtejbu d-disponibbiltà u l-użu tar-riżorsi tal-ilma mill-bdiewa;***
	Or. fr

Emenda 1234
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura ***li jġib*** aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma,	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma***, minbarra finanzjament iddedikat fl-Istrateġija mħabbra għar-Reżiljenza tal-Ilma,*** sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura ***sostenibbli u l-miżuri taż-żamma tal-ilma naturali li jipprovdi*** aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-

interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; ***f'dan ir-rigward***, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; ***jenfasizza l-importanza tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, bħar-restawr tal-artijiet mistagħdra u t-titjib tal-materja organika tal-ħamrija, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tas-saħħa tal-ħamrija u l-bijodiversità fl-appoġġ tar-riforniment tal-ilma ta' taħt l-art***, ***u*** jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;
	Or. en

Emenda 1235
Barry Cowen, Charles Goerens, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura***, u b'hekk l-ilma jsir*** element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma***, filwaqt li tqis id-differenzi sinifikanti fl-Istati Membri tal-UE u l-isfidi li jiffaċċjaw rigward ir-reżiljenza tal-ilma,*** sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, ***li tinkludi r-reżiljenza tal-ilma peress li hija*** element essenzjali ***fil-produzzjoni tal-ikel u*** fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li ***jsir investiment f'diversi miżuri u soluzzjonijiet differenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif ukoll l-infrastruttura bħal li*** jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu

	pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. en

Emenda 1236
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura**,** u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis b'mod xieraq ir-rwol ewlieni tal-ilma għall-produzzjoni tal-ikel u tintroduċi strateġija komuni għall-ġestjoni tal-ilma li tqis il-prattiki tajbin implimentati minn Stati Membri differenti biex tiġi ssalvagwardjata l-produzzjoni agrikola;***

Or. en

Emenda 1237
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma***, u tintegra s-sinerġija tagħha ma' fondi oħra, bħall-FEŻR u l-politika ta' koeżjoni,*** sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, ***anke mill-perspettiva tal-ilma,*** u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel ***u biex tiġi żgurata l-vitalità taż-żoni rurali***; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma ***aktar effiċjenti***, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat ***bi prezzijiet kompetittivi***, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. it

Emenda 1238
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma ***sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ*** tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma ***reklamat*** u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma ***u żżid is-sinerġija tagħha ma' fondi oħra, bħall-FEŻR u l-politika ta' koeżjoni, li għandhom ir-rwol kruċjali tal-allokazzjoni ta'*** aktar ***investiment fl-iżvilupp u l-aġġornament*** tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza ***għall-ilma***, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel ***u fl-iżgurar tal-vitalità taż-żoni rurali***; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta'

bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma ***ppurifikat*** u desalinat ***bi prezzijiet kompetittivi***, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. en

Emenda 1239
Zsuzsanna Borvendég

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	***29.*** Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025; ***u jirrakkomanda li l-aċċess għall-ilma għandu jiġi ddikjarat bħala dritt fundamentali tal-bniedem;***

Or. hu

Emenda 1240
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar ***tal-ilma*** reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar ***tas-sorsi ta' ilma mhux konvenzjonali, fosthom l-ilma*** reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. es

Emenda 1241
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ ***tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura,*** u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li ***jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma***; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li ***jiġi żgurat li l-prattiki agrikoli ma jniġġsux aktar l-ilma ta' taħt l-art u l-ilma tal-wiċċ, biex jintlaħqu l-miri tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u jirrimarka l-ħtieġa li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-ilma mis-settur agrikolu***; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. en

Emenda 1242
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;	29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar il-PAK għal wara l-2027 b'perspettiva tal-ilma sabiex tinvesti aktar fit-tisħiħ tal-infrastruttura ***sostenibbli*** li jġib aktar effiċjenza u reżiljenza għall-agrikoltura, u b'hekk l-ilma jsir element essenzjali fil-protezzjoni tas-sovranità tal-ikel; jirrimarka l-ħtieġa li jiġu pprovduti ġibjuni regolatorji, sistemi ta' ħżin tal-ilma, interkonnessjonijiet, trasferimenti u li jiġi promoss użu akbar tal-ilma reklamat u desalinat, sabiex jiġu pprovduti sigurtà u bilanċ tal-ilma; f'dan ir-rigward, jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni tal-Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma fl-2025;

Or. en

Emenda 1243
Cristina Guarda, Pär Holmgren

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jappella għal approċċ favur ir-reżiljenza tal-ilma bbażat fuq il-ħamrija u fuq l-użu tal-art li jmur lil hinn mill-ħolqien ta' bażiri u ġibjuni artifiċjali, li ntwera li mhumiex effettivi, u li jwasslu għad-dežertifikazzjoni u t-tnixxif tax-xmajjar [1a]. jinnota wkoll l-effett ta' rikorrenza tal-ilma fejn provvista tal-ilma akbar tikkawża domanda ogħla [1b], li tpatti

għall-benefiċċji inizjali tal-ġibjuni; jinnota wkoll li d-dipendenza żejda mill-ġibjuni żżid il-vulnerabbiltà, u b'hekk iżżid il-ħsara potenzjali kkawżata min-nixfiet [1c], u żżid l-iskarsezza tal-ilma downstream[1d].

[1a] Skont il-klima, il-ġeomorfoloġija, l-iskala u n-numru ta' ġibjuni. Fi: The cumulative impacts of small reservoirs on hydrology: a review (L-impatti kumulattivi ta' ġibjuni żgħar fuq l-idroloġija: rieżami). Habets et al, 2018. Science of The Total Environment, vol 643. https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0048969718322642

[1b] - The Agricultural Water Rebound Effect in China (L-Effett Agrikolu ta' Rikorrenza tal-Ilma fiċ-Ċina). Song et al, 2018. Ecological Economics (Vol.146) Pp 497-506, https://doi.org/10.1016/j.ecolecon.2017.12.016 – Agricultural water use efficiency and rebound effect (L-effiċjenza fl-użu tal-ilma agrikolu u l-effett ta' rikorrenza). H. Xu, R. Yang, J. Song, 2021. Int. J. Environ. Res. Saħħa Pubblika 2021, 18, 7151. https://doi.org/10.3390/ – Can the Right Crop Mix Reduce the Water Rebound Effect Following Improvements in Irrigation Efficiency? (Tista' t-Taħlita t-Tajba tal-Għelejjel tnaqqas l-Effett ta' Rikorrenza tal-Ilma wara Titjib fl-Effiċjenza tat-Tisqija?) Chang et al, 2022. DOI=10.3389/frwa.2022.930481 – Literature Review on Rebound Effect of Water Saving Measures and Analysis of a Spanish Case Study (Analiżi tal-Letteratura dwar l-Effett ta' Rikorrenza tal-Miżuri tal-Iffrankar tal-Ilma u Analiżi ta' Studju tal-Kaz Spanjol), Berbel et al, 2015. Water Resources Management (Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma) 29(3):663-678 DOI:10.1007/s11269-014-0839-0

[1c] Water shortages worsened by reservoir effects (In-nuqqasijiet tal-ilma jmorru

għall-agħar bl-effetti ta' ġibjun). Nature Sustainability (Is-sostenibbiltà tan-natura), Di Baldasserre et al, 2018. https://www.nature.com/articles/s41893-018-0159-0

[1d] Effect of reservoirs on streamflow and river regimes in a heavily regulated river basin of Northeast Spain (L-effett tal-ġibjuni fuq ix-xmajjar u r-reġimi tax-xmajjar f'baċir idrografiku tax-xmara regolat ħafna tal-Grigal ta' Spanja) - ScienceDirect https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0341816216301291

Or. en

Emenda 1244
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi d-disinn u l-finanzjament tas-servizzi tal-ekosistema fl-ambitu tal-PAK ta' wara l-2027 sabiex tiżgura li l-pagamenti jirriflettu b'mod adegwat il-kostijiet reali u l-valur miżjud tas-servizzi ambjentali u tal-pajsaġġ ipprovduti mill-bdiewa; iħeġġeġ l-inklużjoni ta' għażliet aktar flessibbli u mfassla apposta għar-reġjun fis-servizzi tal-ekosistema biex tiżdied il-parteċipazzjoni u l-effettività;

Or. en

Emenda 1245
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jopponi l-użu tal-fondi tal-PAK għall-finanzjament, direttament jew indirettament, tal-proġetti ta' ħżin tal-ilma għall-użu agrikolu b'kapaċità ta' aktar minn 50 000 m³, li ma jirrispettax il-prattiki jew is-sistemi agrikoli li huma ekonomiċi fl-użu tal-ilma, u li mhumiex akkumpanjati minn koordinazzjoni pubblika effettiva bl-involviment taċ-ċittadini;

Or. fr

Emenda 1246
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Cristina Guarda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29b. Jinnota li l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' proġetti bħal dawn ikkawżaw reżistenza konsiderevoli miċ-ċittadini, filwaqt li ġew ikkontestati wkoll mill-aspett legali minħabba ksur tad-dritt ta' aċċess għal ben komuni; jinnota l-ħtieġa li jkun hemm strutturi ta' governanza tal-ilma effettivi, ibbażati fuq l-evidenza u parteċipattivi li jinvolvu lill-bdiewa u lill-partijiet ikkonċernati oħra [2d,2e];
	[2d] OECD (2015). OECD Principles of Water Governance (Prinċipji tal-Governanza tal-Ilma) https://www.oecd.org/content/dam/oecd/en/topics/policy-sub-issues/water-governance/oecd-principles-on-water-governance-en.pdf.

[2e] Dal Molin, G. (2024). Adopting System Thinking to Explore Maladaptation: A Case Study of "Mega-Bassines" in France (L-Adozzjoni tal-Ħsieb Sistematiku biex jiġi Esplorat l-Adattament Ħażin: Studju tal-Każ tal-"Mega-Bassines" fi Franza). Università ta' Uppsala, Dipartiment tax-Xjenza tad-Dinja

Or. en

Emenda 1247
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jitlob li r-riforma tad-Direttiva dwar in-Nitrati tirrifletti l-fehim xjentifiku attwali, filwaqt li tippermetti miżuri speċifiċi għar-reġjun, u tordna salvagwardji biex tipprevjeni li l-applikazzjoni tagħha tintuża biex tnaqqas il-produzzjoni tal-annimali fi kwalunkwe Stat Membru;

Or. en

Emenda 1248
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29b. Jitlob li r-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tiżgura l-armonizzazzjoni fost l-Istati Membri, l-istabbiliment ta' ftehimiet Ewropej għad-distribuzzjoni ġusta tal-ilma li jirriflettu r-rekwiżiti reġjonali, u miżuri msaħħa biex

tiġi żgurata d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ilma tax-xorb ta' kwalità għolja fl-UE;

Or. en